I

(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 1005/2008

tad-29 ta' Settembru 2008

li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew [2],

Wara li kkonsulta lill-Kumitat tar-Reġjuni,

Billi:

(1) Il-Komunità hija Parti Kontraenti tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar ta' l-10 ta' Diċembru 1982 ("UNCLOS"), irratifikat il-Ftehim tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar ta' l-10 ta' Diċembru 1982 li jikkonċerna il-Konservazzjoni u l-Ġestjoni ta' Stokkijiet ta' Ħut Transżonali u Stokkijiet ta' Ħut Migratorju Ħafna ta' l-4 ta' Awwissu 1995 (Il-Ftehim tan-NU ta' l-1995 dwar Stokkijiet ta' Ħut) u aċċettat il-Ftehim li jippromwovi l-Osservanza ta' Miżuri Internazzjonali ta' Konservazzjoni u ta' Ġestjoni minn Bastimenti tas-Sajd f'Ilbħra Internazzjonali ta' l-24 ta' Novembru 1993 ta' l-Organizzazzjoni ta' l-Ikel u l-Agrikoltura tan-Nazzjonijiet Uniti (Ftehim ta' Osservanza FAO). Dawk id-dispożizzjonijiet jistabbilixxu b'mod predominanti l-prinċipju li huwa d-dover ta' l-Istati kollha li jadottaw miżuri xierqa sabiex jiżguraw ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u sabiex jikkooperaw bejniethom għal dan il-fini.

(2) L-għan tal-Politika Komuni tas-Sajd, kif stabbilit fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli ta' riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni dwar is-Sajd [3], hu li jkun żgurat sfruttament tar-riżorsi akwatiċi ħajjin li jipprovdi kundizzjonijiet ekonomiċi, ambjentali u soċjali sostenibbli.

(3) Is-sajd Illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (IUU) jikkostitwixxi waħda mit-theddidiet l-aktar serji għall-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi akwatiċi ħajjin u li tippreġudika s-sisien proprji tal-Politika Komuni tas-Sajd u l-isforzi internazzjonali li jippromwovu governanza aħjar ta' l-oċeani. Is-Sajd IUU jirrappreżenta wkoll theddida kbira għall-bijodiversità ta' l-ibħra, li jeħtieġ li tiġi indirizzata f'konformità ma' l-għanijiet stabbiliti fil-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni "It-twaqqif tat-telf tal-bijodiversità sa l-2010 – u lil hinn".

(4) Fl-2001, l-FAO adottat Pjan ta' Azzjoni Internazzjonali, li l-Unjoni Ewropea endorsjat, sabiex jiġi prevenut, skoraġġit u eliminat is-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat. Barra minn hekk, l-organizzazzjonijiet reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd, bl-appoġġ attiv tal-Komunità, stabbilixxew sensiela ta' miżuri li huma mfasslin sabiex jiġġieldu s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat.

(5) F'konformità ma' l-impenji internazzjonali li għandha, u meta titqies id-dimensjoni ta' l-urġenza tal-problema, il-Komunità għandha ttejjeb b'mod sostanzjali l-azzjoni tagħha kontra s-sajd IUU u tadotta miżuri regolatorji ġodda mfasslin sabiex ikopru l-aspetti kollha tal-fenomenu.

[1] L-Opinjoni mogħtija fit-23 ta' Mejju 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] L-Opinjoni mogħtija fid-29 ta' Mejju 2008 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali). L-opinjoni ingħatat wara konsultazzjoni mhux obbligatorja.

[3] ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59.

(6) L-azzjoni mill-Komunità għandha tkun immirata primarjament lejn aġir li jaqa' taħt id-definizzjoni tas-sajd IUU u li jikkaġuna l-aktar dannu serju lill-ambjent tal-baħar, is-sostenibbiltà ta' l-istokkijiet tal-ħut u s-sitwazzjoni soċjo-ekonomika tas-sajjieda li jimxu mar-regoli dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd.

(7) F'konformità mad-definizzjoni tas-sajd IUU, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament għandu jiġi estiż għall-attivitajiet tas-sajd li jitwettqu f'ibħra internazzjonali u f'ilmijiet marittimi taħt il-ġurisdizzjoni jew is-sovranità tal-pajjiżi kostali, inklużi ilmijiet marittimi taħt il-ġurisdizzjoni jew is-sovranità ta' l-Istati Membri.

(8) Sabiex tiġi indirizzata sew id-dimensjoni interna tas-sajd IUU, huwa vitali għall-Komunità li tadotta l-miżuri meħtieġa sabiex tittejjeb l-osservanza tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd. Pendenti r-reviżjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-Politika tas-Sajd Komuni ([1]), għandhom jiddaħħlu dispożizzjonijiet għal dan il-għan f' dan ir-Regolament.

(9) Ir-regoli Komunitarji, u b'mod partikolari t-Titolu II tar-Regolament (KEE) 2847/93, jipprevedu sistema komprensiva mfassla sabiex tiġi monitorjata l-legalità tal-qbid tal-ħut minn bastimenti tas-sajd Komunitarji. Is-sistema attwali li tapplika għal prodotti tas-sajd maqbuda minn bastimenti ta' pajjiżi terzi u importati fil-Komunità ma tiżgurax livell ekwivalenti ta' kontroll. Dan in-nuqqas jikkostitwixxi inċentiv importanti għall-operaturi barranin li jkunu qed iwettqu sajd IUU sabiex jinnegozjaw il-prodotti tagħhom fil-Komunità u jżidu l-profitabbiltà ta' l-attivitajiet tagħhom. Bħala l-akbar suq għal u importatur ta' prodotti tas-sajd fid-dinja, il-Komunità għandha r-responsabbiltà speċifika li taċċerta li l-prodotti tas-sajd importati fit-territorju tagħha ma jkunux joriġinaw minn sajd IUU. Għaldaqstant għandu jiddaħħal reġim ġdid sabiex ikun żgurat kontroll adatt tal-katina tal-provvista għall-prodotti tas-sajd importati fil-Komunità.

(10) Għandhom jissaħħu r-regoli Komunitarji li jirregolaw l-aċċess għall-portijiet Komunitarji ta' bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' pajjiż terz bil-ħsieb li jkun żgurat kontroll adatt fuq il-legalità tal-prodotti tas-sajd żbarkati minn bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' pajjiż terz. Dan għandu jimplika notevolment li l-aċċess għall-portijiet Komunitarji jkun awtorizzat biss għall-bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' pajjiż terz li jkunu jistgħu jipprovdu informazzjoni preċiża dwar il-legalità tal-qabdiet tagħhom u jivvalidaw din l-informazzjoni mill-Istat tal-bandiera tagħhom.

(11) It-trasbordi fuq il-baħar jiskartaw kull kontroll adatt mill-Istati tal-Bandiera jew dawk kostali u jikkostitwixxu mod normali ta' kif l-operaturi li jwettqu sajd IUU jiddissimulaw in-natura illegali tal-qabdiet tagħhom. Huwa għaldaqstant ġustifikat li l-Komunità tawtorizza operazzjonijiet ta' trażbord biss fl-eventwalità li dawn isiru fil-portijiet speċifikati ta' l-Istati Membri, fil-portijiet ta' pajjiżi terzi bejn bastimenti tas-sajd Komunitarji, jew barra mill-ilmijiet Komunitarji bejn bastimenti tas-sajd Komunitarji u bastimenti tas-sajd irreġistrati bħala bastiment tal-ġarr taħt l-awspiċi ta' l-organizzazzjoni għall-ġestjoni tas-sajd reġjonali.

(12) Huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet, l-proċeduri u l-frekwenza li skondhom għandhom jitwettqu l-attivitajiet ta' iċċekkjar, spezzjonar u verifika mill-Istati Membri, abbażi ta' ġestjoni tar-riskju.

(13) Il-kummerċ mal-Komunità ta' prodotti tas-sajd li jkunu ġejjin mis-sajd IUU għandu jkun pprojbit. Sabiex din il-projbizzjoni tkun waħda effettiva u tiżgura li l-prodotti kollha nnegozzjati tas-sajd importati fi jew esportati mill-Komunità jkunu nqabdu bl-osservanza tal-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali u, fejn ikun xieraq, regoli rilevanti oħrajn li jkunu japplikaw għall-bastiment tas-sajd ikkonċernat, għandha tiġi stabbilita skema ta' ċertifikazzjoni li tkun tapplika għall-kummerċ kollu tal-prodotti tas-sajd mal-Komunità.

(14) Il-Komunità għandha tieħu kont tar-restrizzjonijiet tal-kapaċità ta' pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw għall-implimentazzjoni ta' l-iskema ta' ċertifikazzjoni.

(15) Huwa xieraq li, skond din l-iskema, ikun meħtieġ ċertifikat bħala prerekwiżit għall-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd fil-Komunità. Dak iċ-ċertifikat għandu jkun fih informazzjoni li turi l-legalità tal-prodotti kkonċernati. Dan għandu jkun ivvalidat mill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd li jkun qabad il-ħut ikkonċernat, f'konformità mad-dmir tiegħu skond id-dritt internazzjonali sabiex ikun żgurat li bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tiegħu jikkonformaw mar-regoli internazzjonali dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd.

(16) Huwa essenzjali li din l-iskema ta' ċertifikazzjoni tapplika għall-importazzjonijiet kollha ta' prodotti tas-sajd tal-baħar fil-Komunità u l-esportazzjonijiet mill-Komunità. Din l-iskema għandha tapplika wkoll għall-prodotti tas-sajd li jkunu ġew ittrasportati jew ipproċessati f'pajjiż li m'huwiex l-Istat tal-bandiera qabel ma jaslu fit-territorju tal-Komunità. Għaldaqstant għandhom japplikaw rekwiżiti speċifiċi fir-rigward ta' dawk il-prodotti, sabiex ikun iggarantit li l-prodotti li jaslu fit-territorju tal-Komunità ma jkunux differenti minn dawk li l-legalità tagħhom tkun ġiet ivvalidata mill-Istat tal-bandiera.

(17) Huwa importanti li jiġi żgurat livell ugwali ta' kontroll għall-prodotti importati kollha tas-sajd, mingħajr preġudizzju għall-volum jew frekwenza tal-kummerċ, billi jiġu introdotti proċeduri speċifiċi għall-għoti ta' l-istatus ta' operatur ekonomiku approvat.

([1]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1.

(18) L-esportazzjoni ta' qabdiet minn bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' Stat Membru għandha wkoll tkun soġġetta għall-iskema ta' ċertifikazzjoni taħt il-qafas ta' koperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

(19) L-Istati Membri li fihom il-prodotti jkunu intenzjonati li jiġu importati għandhom ikunu kapaċi jiċċekkjaw il-validità taċ-ċertifikati tal-qabda li jkunu qegħdin jakkumpanjaw il-kunsinna u jkunu intitolati li jirrifjutaw l-importazzjoni fejn il-kundizzjonijiet stabbiliti f' dan ir-Regolament fir-rigward taċ-ċertifikat tal-qabda ma jkunux sodisfatti.

(20) Huwa importanti li l-attivitajiet ta' iċċekkjar, spezzjonar u verifika għal prodotti tas-sajd fi transitu jew trasbord jitwettqu primarjament mill-Istati Membri tad-destinazzjoni finali sabiex titjieb l-effiċjenza tagħhom.

(21) Sabiex ikunu assistiti l-awtoritajiet tal-kontroll fl-Istati Membri fil-kompiti tagħhom sabiex jimmonitorjaw il-legalità tal-prodotti tas-sajd innegozzjati mal-Komunità Ewropea, kif ukoll sabiex iwissu lill-operaturi Komunitarji, għandha tiġi stabbilita sistema Komunitarja ta' allarm, imfassla sabiex tiddissemina l-informazzjoni, fejn adatt, dwar dubji ben fondati rigward il-konformità minn ċerti pajjiżi terzi mar-regoli applikabbli dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni.

(22) Huwa essenzjali li l-Komunità tadotta miżuri dissważivi kontra bastimenti tas-sajd li jwettqu sajd IUU u li ma jkunux soġġetti għal azzjoni xierqa mill-Istat tal-bandiera tagħhom b'reazzjoni għal tali sajd IUU.

(23) Għal dan il-għan, il-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni ma' l-Istati Membri, l-Aġenzija Komunitarja għall-Kontroll tas-Sajd, Stati terzi u korpi oħrajn, għandha tidentifika bastimenti tas-sajd issuspettati li jkunu qegħdin iwettqu sajd IUU, abbażi ta' ġestjoni tar-riskju, u l-Kummissjoni għandha titlob l-informazzjoni mill-Istat tal-bandiera kompetenti rigward l-eżattezza tas-sejbiet.

(24) Sabiex jiġi iffaċilitat l-istħarriġ li jkun jikkonċerna bastimenti tas-sajd preżunti li jkunu wettqu sajd IUU u sabiex tiġi prevenuta l-kontinwazzjoni tal-ksur allegat, dawk il-bastimenti tas-sajd għandhom ikunu soġġetti għal rekwiżiti speċifiċi ta' kontroll u spezzjonar mill-Istati Membri.

(25) Meta, fuq bażi ta' l-informazzjoni miksuba, ikun hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex jitqies li xi bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz kienu involuti f'sajd IUU u li l-Istati tal-bandiera kompetenti ma ħadux azzjoni effettiva b'reazzjoni għal tali sajd IUU, il-Kummissjoni għandha tqiegħed lil dawk il-bastimenti fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità.

(26) Meta, fuq bażi ta' l-informazzjoni miksuba, ikun hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex jitqies li xi bastimenti Komunitarji tas-sajd kienu involuti f'sajd IUU u li l-Istati Membri tal-bandiera kompetenti ma ħadux azzjoni effettiva skond dan ir-Regolament u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 b'reazzjoni għal tali sajd IUU, il-Kummissjoni għandha tqiegħed lil dawk il-bastimenti fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità.

(27) Bil-ħsieb li tiġi rrimedjata l-assenza ta' azzjoni effettiva mill-Istati tal-bandiera kontra bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom u li tqiegħdu fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità, u li tiġi ristretta tl-kontinwazzjoni ta' l-attivitajiet tas-sajd minn dawk il-bastimenti, l-Istati Membri għandhom japplikaw miżuri xierqa kontra dawk il-bastimenti.

(28) Sabiex tissalvagwardja d-drittijiet tal-bastimenti tas-sajd li tqiegħdu fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità u ta' l-Istati tal-bandiera tagħhom, il-proċedura għall-elenkar għandha tagħti lill-Istat tal-bandiera l-opportunità li jinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri meħuda u, fejn ikun possibbli, tagħti lis-sid jew operaturi kkonċernati l-possibbiltà li jinstemgħu f'kull wieħed mill-istadji tal-proċedura u tippermetti t-tneħħija tal-bastiment tas-sajd mil-lista fejn il-kriterji għall-elenkar tiegħu ma jibqgħux ikunu sodisfatti.

(29) Sabiex jiġi pprovdut qafas wieħed fil-Komunità u sabiex tiġi evitata l-proliferazzjoni ta' listi li jkunu jikkonċernaw bastimenti tas-sajd involuti f'sajd IUU, il-bastimenti tas-sajd inklużi fil-listi IUU adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd għandhom jiġu inklużi awtomatikament fil-lista korrispondenti stabbilita mill-Kummissjoni.

(30) In-nuqqas ta' xi Stati milli jaqdu dak li hu d-dmir tagħhom skond id-dritt internazzjonali bħala Stati tal-Bandiera, tal-Port, kostali jew tas-suq, milli jieħdu miżuri xierqa sabiex tiġi żgurata l-osservanza mill-bastimenti tas-sajd jew iċ-ċittadini tagħhom tar-regoli dwar il-konservazzjoni u l-ġestjoni tar-riżorsi tas-sajd huwa wieħed mill-motivi ewlenin tas-sajd IUU u għandu jiġi indirizzat mill-Komunità.

(31) Għal dan il-għan, barra mill-azzjoni tagħha fil-livelli internazzjonali u reġjonali, il-Komunità għandha tkun intitolata li tidentifika dawk l-Istati li ma jikkooperawx, fuq bażi ta' kriterji trasparenti, ċari u oġġettivi msejsa fuq standards internazzjonali, u, wara li tagħtihom ħin adegwat u sabiex iwieġbu għal notifika minn qabel, tadotta miżuri mhux diskriminatorji, leġittimi u proporzjonati fir-rigward ta' dawk l-Istati, inklużi miżuri kummerċjali.

(32) Huwa kompitu tal-Kunsill li jadotta miżuri kummerċjali fir-rigward ta' Stati oħrajn. Peress l-istabbiliment ta' lista ta' Stati li ma jikkooperawx għandha tinkludi kontro-miżuri kummerċjali fir-rigward ta' l-Istati kkonċernati, huwa xieraq li l-Kunsill jirriżerva għalih id-dritt li jeżerċita setgħat implimentattivi direttament f'dan il-każ speċifiku.

(33) Huwa essenzjali li ċ-ċittadini ta' l-Istati Membri jkunu skoraġġuti b'mod effettiv milli jwettqu jew jappoġġaw sajd IUU minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' pajjiżi terzi u li jkunu attivi barra mill-Komunità, mingħajr preġudizzju għall-preminenza tar-responsabbiltà ta' l-Istat tal-bandiera. L-Istati Membri għandhom għaldaqstant

jistabbilixxu l-miżuri meħtieġa u jikkooperaw bejniethom u mal-pajjiżi terzi sabiex jiġu identifikati ċ-ċittadini tagħhom li jkunu qegħdin iwettqu sajd IUU, jaċċertaw li jkunu ssanzjonati adegwatament u jivverifikaw l-attivitajiet taċ-ċittadini tagħhom li jkunu involuti ma' bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi, barra mill-Komunità.

(34) Il-persistenza ta' ħafna ksur serju kontra r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd f'ilmijiet Komunitarji jew minn operaturi Komunitarji tidher ħafna fil-livell ta' sanzjonijiet mhux deterrenti stabbiliti fil-leġislazzjoni ta' l-Istati Membri fir-rigward ta' ksur serju ta' dawk ir-regoli. Dan in-nuqqas huwa magħmul mill-varjetà wiesgħa ta' livelli ta' sanzjonijiet fl-Istati Membri kollha, li jinkoraġġixxu lill-operaturi illegali sabiex joperaw f'ilmijiet marittimi jew fit-territorju ta' l-Istati Membri fejn dawn huma fil-livell l-aktar baxx. Sabiex jiġi indirizzat dan in-nuqqas, abbażi tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 2371/2002 u (KEE) Nru 2847/93 f'dan il-qasam, huwa xieraq li jiġu approssimati l-livelli massimi ta' sanzjonijiet amministrattivi fi ħdan il-Komunità previsti fir-rigward ta' ksur serju kontra r-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd, b'kont meħud tal-valur tal-prodotti tas-sajd miksuba permezz tal-ksur serju, ir-repetizzjoni tagħhom u l-valur tal-preġudizzju għar-riżorsi tas-sajd u l-ambjent tal-baħar ikkonċernati, kif ukoll sabiex tipprevedi miżuri immedjati ta' infurzar u miżuri komplementari.

(35) Minbarra l-aġir li jikkostitwixxi ksur serju tar-regoli dwar l-attivitajiet tas-sajd, it-twettiq ta' negozju konness direttament ma' sajd IUU, inkluż il-kummerċ fi jew l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd li jkunu ġejjin minn sajd IUU, jew l-iffalsifikar ta' dokumenti, għandhom jiġu kkunsidrati wkoll bħala ksur serju li jkun jeħtieġ l-adozzjoni ta' sanzjonijiet amministrattivi ta' l-għola livelli armonizzati mill-Istati Membri.

(36) Is-sanzjonijiet għall-ksur serju ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw ukoll għal persuni ġuridiċi għaliex dak il-ksur twettaq, fil-biċċa l-kbira, fl-interess tal-persuni ġuridiċi jew għall-benefiċċju tagħhom.

(37) Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-lemħ ta' bastimenti tas-sajd fil-baħar adottati fi ħdan ċerti organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd għandhom jiġu implimentati b'mod armonizzat fil-Komunità.

(38) Il-koperazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni, u ma' pajjiżi terzi hija essenzjali sabiex jiġi żgurat li s-sajd IUU ikun investigat kif suppost u sanzjonat u li l-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament jkunu jistgħu jiġu applikati. Għandha tiġi stabbilita sistema ta' assistenza reċiproka sabiex tittejjeb din il-koperazzjoni.

(39) Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità, huwa meħtieġ u xieraq sabiex jinkiseb l-għan bażiku li jiġi eliminat is-sajd IUU li jiġu stabbiliti regoli dwar il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament. Dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ sabiex jinkisbu l-għanijiet segwiti, skond it-tielet paragrafu ta' l-Artikolu 5 tat-Trattat.

(40) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati konformement mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat implimentattivi konferiti lill-Kummissjoni [1].

(41) Dan ir-Regolament jidentifika s-sajd IUU bħala ksur tal-liġijiet, r-regoli u r-regolamenti applikabbli, peress illi jimminaw b'mod serju l-kisba ta' l-għanijiet tar-regoli miksura u jqieghdu f'perikolu s-sostenibbiltà ta' l-istokkijiet ikkonċernati jew il-konservazzjoni ta' l-ambjent tal-baħar. Meta jitqies il-kamp ta' applikazzjoni ristrett tiegħu, l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament għandha tibni fuq, u tikkumplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93, li jistabbilixxi l-qafas bażiku għall-kontroll u l-monitoraġġ ta' l-attivitajiet tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd. Għaldaqstant, dan ir-Regolament jirrinforza r-regoli tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 fil-qasam ta' l-ispezzjonar fil-portijiet ta' bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi, illum mħassra u sostitwiti bl-iskema ta' l-ispezzjonar fil-port stabbilita fil-Kapitolu II ta' dan ir-Regolament. Barra minn hekk, dan ir-Regolament jipprevedi reġim ta' sanzjonijiet fil-Kapitolu IX li japplika speċifikament għal attivitajiet tas-sajd IUU. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93 relatati mas-sanzjonijiet jibqgħu għalhekk applikabbli għall-ksur tar-regoli tal-Politika Komuni tas-Sajd għajr għal dawk indirizzati b'dan ir-Regolament.

(42) Il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali hija rregolata bir-Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data [2], li huwa applikabbli fl-intier tiegħu għall-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet ta' dawk suġġetti għad-data għall-aċċess, ir-rettifikazzjoni, l-imblukkar u t-tħassir ta' data u notifika lil partijiet terzi, li bħala konsegwenza ma ġewx speċifikati aktar f'dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.
[2] ĠU L 8, 12.1.2001, p. 1.

(43) Id-dħul fis-seħħ ta' dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament dwar kwistjonijiet koperti mir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1093/94 ([1]), (KE) Nru 1447/1999 ([2]), (KE) Nru 1936/2001 ([3]) u (KE) Nru 601/2004 ([4]) għandu jwassal għat-tħassir ta' partijiet minn dawk ir-Regolamenti jew ta' l-intier tagħhom.

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi sistema Komunitarja li tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina s-sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat (IUU).

2. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, kull wieħed mill-Istati Membri għandu jieħu l-miżuri adatti, skond il-liġi Komunitarja, sabiex tkun żgurata l-effikaċja ta' dik is-sistema. Dan għandu jqiegħed għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti tiegħu l-mezzi suffiċjenti sabiex dawn ikunu jistgħu jwettqu l-kompiti tagħhom kif stabbilit f'dan ir-Regolament.

3. Is-sistema stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika għas-sajd IUU kollu u għall-attivitajiet assoċjati li jiġu mwettqa fit-territorju ta' Stati Membri li japplika għalihom it-Trattat, fl-ilmijiet Komunitarji, fl-ilmijiet marittimi taħt il-ġurisdizzjoni jew is-sovranità ta' pajjiżi terzi u fl-ibħra internazzjonali. Is-sajd IUU fl-ilmijiet marittimi tat-territorji u l-pajjiżi barranin imsemmijin fl-Anness II tat-Trattat għandu jiġu meqjus li qed iseħħ fl-ilmijiet marittimi ta' pajjiżi terzi.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(1) "sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat" jew "sajd IUU" tfisser attivitajiet ta' sajd li huma illegali, mhux irrapportati jew mhux irregolati:

(2) "sajd illegali" tfisser attivitajiet ta' sajd:

(a) imwettqa minn bastimenti tas-sajd nazzjonali jew barranin fl-ilmijiet marittimi taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat, mingħajr il-permess ta' dak l-Istat, jew bi ksur tal-liġijiet u r-regolamenti tiegħu;

(b) imwettqa minn bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' Stati li huma partijiet kontraenti għal organizzazzjoni reġjonali rilevanti tal-ġestjoni tas-sajd, imma li joperaw bi ksur tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati minn dik l-organizzazzjoni u li bihom dawk l-Istati huma marbutin, jew tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt internazzjonali applikabbli; jew

(ċ) imwettqa minn bastimenti tas-sajd bi ksur tal-liġijiet nazzjonali jew l-obbligi internazzjonali, inklużi dawk assunti minn Stati li jikkooperaw ma' xi organizzazzjoni reġjonali rilevanti tal-ġestjoni tas-sajd.

(3) "sajd mhux irrapportat" tfisser attivitajiet ta' sajd:

(a) li ma jkunux ġew irrapportati, jew ikunu ġew irrapportati ħażin, lill-awtorità nazzjonali rilevanti, bi ksur tal-liġijiet u r-regolamenti nazzjonali; jew

(b) li jkunu ġew imwettqa fiż-żona ta' kompetenza ta' xi organizzazzjoni reġjonali rilevanti tal-ġestjoni tas-sajd u li ma jkunux ġew irrapportati, jew ikunu ġew irrapportati ħażin, bi ksur tal-proċeduri ta' rapportar ta' dik l-organizzazzjoni;

(4) "sajd mhux irregolat" tfisser attivitajiet ta' sajd:

(a) mwettqa fiż-żona ta' l-applikazzjoni ta' organizzazzjoni reġjonali rilevanti tal-ġestjoni tas-sajd minn bastimenti tas-sajd mingħajr nazzjonalità, minn bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' Stat mhux parti ta' dik l-organizzazzjoni, jew minn kwalunkwe entità tas-sajd oħra, b'mod inkonsistenti jew li jikser il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni ta' dik l-organizzazzjoni; jew

(b) mwettqa f'żoni jew għal stokkijiet ta' ħut li fir-rigward tagħhom ma hemm ebda miżura applikabbli għall-konservazzjoni jew il-ġestjoni minn bastimenti tas-sajd b'mod mhux konsistenti mar-responsabbiltajiet ta' l-Istat għall-konservazzjoni tar-riżorsi ħajjin tal-baħar skond id-dritt internazzjonali.

(5) "bastiment tas-sajd" tfisser kull bastiment ta' kull daqs użat jew maħsub għall-użu għall-finijiet ta' sfruttament kummerċjali tar-riżorsi tas-sajd, inklużi vapuri ta' sostenn, bastimenti għall-ipproċessar tal-ħut, bastimenti involuti fit-trasbord u bastimenti ta' ġarr mgħammrin għat-trasportazzjoni ta' prodotti tas-sajd, ħlief għal bastimenti tal-kontejners;

(6) "bastiment tas-sajd Komunitarju" tfisser bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru u li jkun irreġistrat fil-Komunità;

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1093/94 tas-6 ta' Mejju 1994 li jipprovdi il-kondizzjonijiet li taħthom bastimenti tas-sajd ta' pajjiż terz jistgħu jniżżlu direttament u jpoġġu fis-suq il-qbid tagħhom fil-portijiet tal-Komunità (ĠU L 121, 12.5.1994, p. 3).

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1447/1999 ta' l-24 ta' Ġunju 1999 li jistabbilixxi lista tal-modi ta' mġieba illi jiksru serjament ir-regoli tal-politika komuni tas-sajd (ĠU L 167, 2.7.1999, p. 5).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1936/2001 tas-27 ta' Settembru 2001 li jistabbilixxi miżuri ta' kontroll applikabbli għas-sajd għal ċerti stokkijiet ta' ħut li jpassi ħafna (ĠU L 263, 3.10.2001, p. 1).

([4]) Regolament tal-kunsill (KE) Nru 601/2004 tat-22 ta' Marzu 2004 li jistabbilixxi ċerti miżuri ta' kontroll applikabbli għall-attivitajiet tas-sajd fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-konservazzjoni tar-riżorsi marittimi ħajjin ta' l-Antartiku (ĠU L 97, 1.4.2004, p. 16).

(7) "awtorizzazzjoni tas-sajd" tfisser dritt għat-twettiq ta' attivitajiet ta' sajd matul perijodu speċifiku, f'żona partikolari jew għal sajd partikolari;

(8) "prodotti tas-sajd" tfisser kull prodott li jaqa' taħt il-Kapitolu 3 u l-Intestaturi tat-tariffi 1604 u 1605 tan-Nomenklatura Magħquda stabbiliti bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ([1]), bl-eċċezzjoni tal-prodotti elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament;

(9) "miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni" tfisser miżuri għall-konservazzjoni u ġestjoni ta' speċi waħda jew aktar ta' riżorsi ħajjin tal-baħar u li jkunu adottati u fis-seħħ skond ir-regoli rilevanti tal-liġi internazzjonali u/jew Komunitarja;

(10) "trasbord" tfisser il-ħatt tal-ħut kollu jew kwalunkwe prodott tas-sajd abbord bastiment tas-sajd għal bastiment tas-sajd ieħor;

(11) "importazzjoni" tfisser l-introduzzjoni ta' prodotti tas-sajd fit-territorju tal-Komunità Ewropea, inkluż għal finijiet ta' trasbord f'portijiet fit-territorju tagħha;

(12) "importazzjoni indiretta" tfisser l-importazzjoni mit-territorju ta' pajjiż terz li m'huwiex l-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd responsabbli mill-qabda;

(13) "esportazzjoni" tfisser kull moviment lejn pajjiż terz ta' prodotti tas-sajd maqbuda minn bastimenti tas-sajd li jtajjru l-bandiera ta' Stat Membru, sew jekk mit-territorju tal-Komunità, u sew jekk minn pajjiżi terzi jew minn żoni tas-sajd;

(14) "riesportazzjoni" tfisser kull moviment mit-territorju tal-Komunità, ta' prodotti tas-sajd li qabel kienu ġew importati fit-territorju tal-Komunità;

(15) "organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd" tfisser organizzazzjoni sub-reġjonali, reġjonali jew organizzazzjoni simili b'kompetenza, kif rikonoxxut mid-dritt internazzjonali, sabiex tistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni għal riżorsi ħajjin tal-baħar li jkunu taħt ir-responsabbiltà tagħha bis-saħħa tal-konvenzjoni jew il-ftehim bis-saħħa ta' liema tkun ġiet ikkostitwita;

(16) "parti kontraenti" tfisser parti kontraenti tal-konvenzjoni jew ftehim internazzjonali li jistabbilixxi organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-swajd, kif ukoll Stati, entitajiet tas-sajd jew entitajiet oħra li jikkooperaw ma' tali organizzazzjoni u li ngħataw status ta' parti mhux kontraenti f'koperazzjoni fir-rigward ta' tali organizzazzjoni;

(17) "lemħ" tfisser kull osservazzjoni minn awtorità kompetenti ta' Stat Membru responsabbli mill-ispezzjonar ta' fuq il-baħar, jew mill-kaptan ta' bastiment tas-sajd Komunitarju jew ta' pajjiż terz ta' bastiment tas-sajd li tista' taqa' taħt wieħed jew diversi mill-kriterji msemmija fl-Artikolu 3(1);

(18) "operazzjoni konġunta tas-sajd" tfisser kull operazzjoni bejn żewġ bastimenti tas-sajd jew aktar fejn il-qabda tiġi ttrasferita mit-tagħmir tas-sajd ta' bastiment tas-sajd minnhom għal ieħor jew fejn it-teknika użata minn dawk il-bastimenti tas-sajd teħtieġ tagħmir tas-sajd komuni wieħed;

(19) "persuna ġuridika" tfisser kull entità legali li jkollha dan l-istatus skond il-liġi nazzjonali applikabbli, bl-eċċezzjoni ta' stati jew korpi pubbliċi fl-eżerċizzju ta' awtorità statali u organizzazzjonijiet pubbliċi;

(20) "riskju" tfisser il-probabbiltà ta' avveniment li jista' jseħħ, fir-rigward ta' prodotti tas-sajd importati fi jew esprotati mit-territorju tal-Komunità, li tipprevjeni l-applikazzjoni korretta ta' dan ir-Regolament jew tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni;

(21) "ġestjoni tar-riskju" tfisser l-identifikazzjoni sistematika tar-riskju u l-implimentazzjoni tal-miżuri kollha meħtieġa sabiex titnaqqas l-espożizzjoni għar-riskju. Din tinkludi attivitajiet bħall-ġbir ta' data u ta' informazzjoni, l-analiżi u l-valutazzjoni tar-riskju, il-preskrizzjoni u t-teħid ta' azzjoni, u l-monitoraġġ u r-reviżjoni regolari tal-proċess u r-riżultati tiegħu, abbażi ta' sorsi u strateġiji internazzjonali, Komunitarji jew nazzjonali;

(22) "ibħra internazzjonali" tfisser il-parti kollha tal-baħar kif definita fl-Artikolu 86 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar ("UNCLOS");

(23) "kunsinna" tfisser prodotti li jintbagħtu simultanjament minn esportatur wieħed għal destinatarju wieħed jew li huma koperti minn dokument tat-trasport uniku li jkun ikopri l-vjaġġ tagħhom mill-esportatur għad-destinatarju.

Artikolu 3

Bastimenti tas-sajd involuti f'sajd IUU

1. Bastiment tas-sajd għandu jiġi preżunt li hu involut f'sajd IUU jekk jintwera li, kuntrarju għall-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli fiż-żona kkonċernata, ikun:

(a) stad mingħajr liċenzja, awtorizzazzjoni jew permess validi maħruġin mill-istat tal-bandiera jew l-istat kostali rilevanti, jew

(b) ma ssodisfax l-obbligi tiegħu li jirrekordja u jirrapporta data dwar il-qabda jew relatata mal-qabda, inkluża data li trid tiġi trażmessa permezz tas-sistema ta' sorveljanza tal-vapuri bażata fuq satellita, jew notifiki minn qabel skond l-Artikolu 6, jew

([1]) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

(ċ) stad f'żona magħluqa, matul staġun magħluq, mingħajr jew wara l-ksib ta' kwota, jew lil hinn minn fond magħluq, jew

(d) kien involut f'sajd imrieġi għal stokk li jkun soġġett għal moratorju jew li s-sajd tiegħu jkun ipprojbit, jew;

(e) uża tagħmir tas-sajd ipprojbit jew mhux konformi, jew

(f) iffalsifika jew ħeba l-marki, l-identità jew ir-reġistrazzjoni tiegħu, jew

(g) ħeba, bagħbas jew elimina prova relatata ma' xi investigazzjoni, jew

(h) ostakola l-ħidma ta' l-uffiċjali fil-qadi ta' dmirijiethom waqt spezzjonar għall-osservanza tal-miżuri applikabbli ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni, jew il-ħidma ta' l-osservaturi fil-qadi ta' dmirijiethom li josservaw il-konformità mar-regoli Komunitarji applikabbli, jew

(i) għabba abbord, ittrasborda jew żbarka ħut taħt id-daqs bi ksur tal-leġislazzjoni fis-seħħ, jew

(j) ittrasborda jew ipparteċipa f'operazzjonijiet konġunti tas-sajd ma' bastimenti tas-sajd oħra, appoġġaħom jew irrifornihom, li jkunu ġew identifikati li kienu involuti f'sajd IUU taħt dan ir-Regolament, b'mod partikolari dawk inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità jew fil-lista ta' bastimenti IUU ta' xi organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd; jew

(k) wettaq xi attivitajiet ta' sajd fiż-żona ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd b'mod inkonsistenti mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni ta' dik l-organizzazzjoni jew bi ksur tagħhom u jkun ta' bandiera ta' Stat mhux parti għal dik l-organizzazzjoni, jew li ma jikkooperax ma' dik l-organizzazzjoni kif stabbilit minn dik l-organizzazzjoni, jew

(l) ta' ebda nazzjonalità u għaldaqstant ikun bastiment mingħajr nazzjonalità, skond id-dritt internazzjonali.

2. L-attivitajiet stabbiliti fil-paragrafu 1 għandhom jiġu kkunsidrati bħala ksur serju skond l-Artikolu 42 skond il-gravità tal-ksur in kwestjoni li għandu jiġi determinat mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, b'kont meħud tal-kriterji bħad-dannu magħmul, il-valur tiegħu, il-gravità tal-ksur jew ir-repetizzjoni tiegħu.

KAPITOLU II

SPEZZJONIJIET TA' BASTIMENTI TAS-SAJD TA' PAJJIŻI TERZI FIL-PORTIJIET TA' L-ISTATI MEMBRI

TAQSIMA I

il-kundizzjonijiet ta' l-aċċess għal port minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi

Artikolu 4

Skemi ta' spezzjoni fil-port

1. Bil-ħsieb li tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina is-sajd IUU għandha tinżamm skema effettiva ta' spezzjonijiet fil-port għal bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi li jidħlu fil-portijiet ta' l-Istati Membri.

2. L-aċċess għall-portijiet ta' l-Istati Membri, il-provvediment ta' servizzi tal-port, u t-tmexxija ta' l-iżbark jew trasbord f'tali portijiet għandhom ikunu pprojbiti għall-bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi sakemm ma jkunux jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, ħlief f'każi ta' forza maġġuri jew diffikultà skond it-tifsira ta' l-Artikolu 18 ta' l-UNCLOS ("forza maġġuri jew diffikultà") għal servizzi strettament neċessarji sabiex jiġu rimedjati dawk is-sitwazzjonijiet.

3. Trasbordi bejn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi jew bejn dawn ta' l-aħħar u bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru għandhom ikunu pprojbiti fl-ilmijiet Komunitarji u għandhom isiru biss fil-port, skond id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

4. Bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru m'għandhomx ikunu awtorizzati li jittrasbordaw fuq il-baħar qabdiet minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi barra mill-ilmijiet Komunitarji sakemm il-bastimenti tas-sajd m'humiex reġistrati bħala bastimenti ta' ġarr taħt l-awspiċi ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.

Artikolu 5

Portijiet speċifikati

1. L-Istati Membri għandhom jispeċifikaw portijiet jew postijiet viċin ix-xatt fejn ikunu permessi l-iżbarki jew l-operazzjonijiet ta' trasbord ta' prodotti tas-sajd u s-servizzi tal-port imsemmija fl-Artikolu 4(2)

2. L-aċċess għas-servizzi tal-port u t-tmexxija ta' operazzjonijiet ta' żbark jew trasbord minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi għandhom ikunu awtorizzati biss f'portijiet speċifikati.

3. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard mill-15 ta' Jannar ta' kull sena lista tal-portijiet speċifikati. Kull bdil sussegwenti f'din il-lista għandu jiġi nnotifikat lill-Kummissjoni mill-anqas 15-il jum qabel ma l-bidla tidħol fis-seħħ.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika, mingħajr dewmien, il-lista ta' portijiet speċifikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u fis-sit web tagħha.

Artikolu 6

Notifika minn qabel

1. Il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri tal-port jew faċilitajiet ta' żbark speċifikati li jkunu jridu jużaw mill-anqas 3 ijiem ta' xogħol qabel il-ħin mistenni tal-wasla fil-port, bl-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identifikazzjoni tal-bastiment;

(b) l-isem tal-port speċifikat tad-destinazzjoni u l-finijiet tad-dħul, żbark, trasbord jew aċċess għal servizzi;

(ċ) awtorizzazzjoni għas-sajd jew, fejn meħtieġ, awtorizzazzjoni għall-appoġġ ta' operazzjonijiet tas-sajd jew għat-trasbord ta' prodotti tas-sajd;

(d) dati tal-vjaġġ tas-sajd;

(e) id-data u l-ħin mistennijin tal-wasla fil-port;

(f) il-kwantitajiet ta' kull speċi miżmumin abbord jew, fejn meħtieġ, rapport negattiv;

(g) iż-żona jew iż-żoni fejn tkun saret il-qabda jew fejn seħħ it-trasbord kemm jekk f'ilmijiet Komunitarji, f'żoni taħt il-ġurisdizzjoni jew is-sovranità ta' pajjiż terz jew f'ibħra internazzjonali;

(h) il-kwantitajiet għal kull speċi għall-iżbark jew it-trasbord.

Il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom ikunu eżentati milli jinnotifikaw informazzjoni li hemm fil-punti (a), (c), (d), (g) u (h), meta ċertifikat tal-qabda jkun ġie ikkonvalidat skond il-Kapitolu III għall-qabda kollha għall-iżbark jew it-trasbord fit-territorju tal-Komunità.

2. In-notifika stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tkun akkompanjata minnċertifikat tal-qabda ivvalidat skond il-Kapitolu III jekk il-bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz ikun qiegħed iġorr abbord prodotti tas-sajd. Id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 14 dwar ir-rikonoxximent tad-dokumenti tal-qabda jew formoli tal-kontroll mill-Istat tal-port li jkunu parti mid-dokumentazzjoni tal-qabda jew minn skemi ta' kontroll tal-portijiet adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd għandhom japplikaw *mutatis mutandis*.

3. Il-Kummissjoni, skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 54(2), tista' teżenta ċerti kategoriji ta' bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi mill-obbligu stipulat fil-paragrafu 1 għal perijodu limitat u li jiġġedded, jew tipprevedi perijodu ta' notifika ieħor li jieħu kont, *inter alia*, it-tip ta' prodott tas-sajd, id-distanza bejn iż-żoni tas-sajd, il-postijiet ta' l-iżbark u l-portijiet fejn il-bastimenti in kwistjoni huma rreġistrati jew elenkati.

4. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet speċjali li jidhru f'xi ftehim dwar is-sajd konkluż bejn il-Komunità u pajjiżi terzi.

Artikolu 7

Awtorizzazzjoni

1. Mingħajr preġudizzju għall-punt 5 ta' l-Artikolu 37, bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz għandu jingħata l-awtorizzazzjoni sabiex jidħol fil-port biss jekk l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 6(1) tkun kompleta u jekk il-bastiment tal-pajjiż terz ikun qiegħed iġorr abbord prodotti tas-sajd, tkun akkumpanjata miċ-ċertifikat tal-qabda msemmi fl-Artikolu 6(2).

2. L-awtorizzazzjoni sabiex jinbdew operazzjonijiet ta' żbark jew trasbord fil-port għandha tkun soġġetta għall-kontroll sabiex tiġi determinata l-kompletezza ta' l-informazzjoni ppreżentata kif previst fil-paragrafu 1 u, fejn xieraq, għall-ispezzjoni magħmula skond it-Taqsima 2.

3. B' deroga għall-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu l-Istat Membru tal-port jista' jawtorizza aċċess għall-port u żbark sħiħ jew parti minnu f'każijiet fejn l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 6(1) ma tkunx kompluta jew il-kontroll jew verifikazzjoni tagħha tkun pendenti, iżda fit-tali każijiet għandu jżomm il-prodotti tas-sajd ikkonċernati maħżunin taħt il-kontroll ta' l-awtoritajiet kompetenti. Il-prodotti tas-sajd għandhom jiġu rrilaxxati biss sabiex jinbiegħu, jiġu kkonfiskati jew ittrasportati meta l-informazzjoni stabbilita fl-Artikolu 6(1) tkun ġiet riċevuta jew il-proċess ta' verifikazzjoni jew iċċekkjar ikun ġie fi tmiemu. Jekk dan il-proċess ikun għadu ma ntemmx fi żmien 14-il jum mill-iżbark, l-Istat Membru tal-port jista' jikkonfiska l-prodotti tas-sajd u jiddisponi minnhom skond ir-regoli nazzjonali. L-ispejjeż għall-ħażna għandhom jitħallsu mill-operatur.

Artikolu 8

Irrekordjar ta' operazzjonijiet ta' żbark jew trasbord

1. Il-kaptani ta' bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi jew ir-rappreżentanti tagħhom għandhom jippreżentaw lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru li tiegħu jużaw il-portijiet ta' żbark jew il-faċilitajiet ta' trasbord speċifikati, jekk possibbli permezz ta' mezzi elettroniċi qabel l-iżbark, jew operazzjonijiet ta' trasbord, dikjarazzjoni li tindika l-kwantità ta' prodotti tas-sajd skond l-ispeċi li għandhom jiġu żbarkati jew trasbordati, u d-data u l-post ta' kull qabda. Il-kaptani u r-rappreżentanti tagħhom għandhom ikunu responsabbli mill-eżattezza ta' tali dikjarazzjonijiet.

2. L-Istati Membri għandhom iżommu l-oriġinali tad-dikjarazzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1, jew kopja tal-karti meta trażmessi elettronikament, għal perijodu ta' tliet snin jew aktar skond ir-regoli nazzjonali.

3. Il-proċeduri u l-formoli ta' dikjarazzjoni dwar l-iżbark u t-trasbord għandhom jiġu determinati skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 52.

4. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni permezz ta' trażmissjoni bil-kompjuter qabel tmiem l-ewwel xahar ta' kull tliet xhur kalendarji bil-kwantitajiet żbarkati u/jew trasbordati fil-portijiet tagħhom minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi matul it-tliet xhur preċedenti.

TAQSIMA 2

Spezzjonijiet fil-port

Artikolu 9

Prinċipji ġenerali

1. L-Istati Membri għandhom iwettqu spezzjonijiet fil-portijiet speċifikati tagħhom ta' minn ta' l-inqas 5 % ta' l-operazzjonijiet ta' żbark u trasbord minn bastimenti tas-sajd ta' pajjiżi terzi kull sena, skond il-punti ta' referenza determinati mill-proċedura imsemmija fl-Artikolu 54(2) abbażi ta' ġestjoni tar-riskju, mingħajr preġudizzju għal-limiti aktar għoljin adottati minn organizzazzjonijiet reġjonali tal-'estjoni tas-sajd.

2. Il-bastimenti tas-sajd li ġejjin għandhom jiġu spezzjonati f'kull każ:

(a) il-bastimenti tas-sajd li jintlemħu skond l-Artikolu 48;

(b) il-bastimenti tas-sajd irrapportati fil-qafas tan-notifika magħmula taħt is-Sistema Komunitarja ta' Allert skond il-Kapitolu IV;

(ċ) il-bastimenti tas-sajd identifikati mill-Kummissjoni bħala preżunti li kienu involuti f'sajd IUU skond l-Artikolu 25;

(d) il-bastimenti tas-sajd li jkunu jidhru f'lista ta' bastimenti IUU adottata minn organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u nnotifikata lill-Istati Membri skond l-Artikolu 30.

Artikolu 10

Proċedura ta' spezzjoni

1. Uffiċjali inkarigati mill-ispezzjonijiet ("uffiċjali") għandhom jkunu kapaċi jeżaminaw iż-żoni, il-gverti u l-gabini rilevanti kollha tal-bastiment tas-sajd, il-qabdiet kemm jekk proċessati u kemm jekk le), ix-xbieki jew tagħmir ieħor, apparat u kwalunkwe dokumenti rilevanti li l-uffiċjali jqisu neċessarji sabiex jivverifikaw il-konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti jew il-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni internazzjonali applikabbli. L-uffiċjali jistgħu wkoll jinterrogaw lil persuni meqjusin li għandhom informazzjoni dwar is-suġġett ta' l-ispezzjoni.

2. L-ispezzjonijiet għandhom jinvolvu l-monitoraġġ ta' l-operazzjonijiet kollha ta' żbark u trasbord u jinkludu kontroiċċekkjar bejn il-kwantitajiet skond l-ispeċi rreġistrati fin-notifika minn qabel ta' l-iżbark u l-kwantitajiet ta' l-ispeċi żbarkati jew trasbordati.

3. L-uffiċjali għandhom jiffirmaw ir-rapport ta' l-ispezzjoni tagħhom fil-preżenza tal-kaptan tal-bastiment tas-sajd, li għandu jkollu d-dritt li jżid jew iġieġħel li tiżdied kull informazzjoni li jikkunsidra bħala rilevanti. L-uffiċjali għandhom jindikaw fil-logbook li tkun saret spezzjoni.

4. Kopja tar-rapport ta' spezzjoni għandha tingħata lill-kaptan tal-bastiment tas-sajd li jkun jista' jgħaddi lis-sid tal-bastiment.

5. Il-kaptan għandu jikkoopera ma' u jassisti fl-ispezzjonijiet tal-bastiment tas-sajd u m'għandux jostakola, jintimida jew jinterferixxi lill-uffiċjali fil-qadi ta' dmirijiethom.

Artikolu 11

Proċedura fl-eventwalità ta' ksur

1. Jekk l-informazzjoni miġbura matul l-ispezzjoni tipprovdi evidenza li ġġieġħellill-uffiċjal jemmen li bastiment tas-sajd kien involut f'sajd IUU skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3, l-uffiċjal għandu:

(a) jirreġistra l-ksur suspettat fir-rapport ta' l-ispezzjoni;

(b) jieħu kull azzjoni meħtieġa sabiex jiżgura t-tutela tal-prova li tikkonċerna dan il-ksur suspettat;

(ċ) jibgħat immedjatament ir-rapport ta' l-ispezzjoni lill-awtorità kompetenti.

2. Jekk ir-riżultati ta' l-ispezzjoni jipprovdu evidenza li bastiment tas-sajd ta' pajjiż terz involva ruħu f'attività IUU skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3, l-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tal-port m'għandhiex tawtorizza lil dawn il-bastimenti li jiżbarkaw jew jittrasbordaw il-qabda tagħhom.

3. L-Istat Membru li jkun qieġħed jispezzjona għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu immedjatament li ma jkunx qieġħed jawtorizza operazzjonijiet ta' żbark jew ta' trasbord meħudin skond il-paragrafu 2, akkumpanjata minn kopja tar-rapport ta' l-ispezzjoni, lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha, li għandu jittrażmettih immedjatament lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd spezzjonat b'kopja lill-Istat jew Stati tal-bandiera tal-bastimenti donaturi fejn il-bastiment spezzjonat kien involut f'operazzjonijiet ta' trasbord. Fejn xieraq, kopja tan-notifika għandha tiġinnotifikata wkoll lis-Segretarju Eżekuttiv ta' l-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd taż-żona ta' kompetenza fejn tkun saret il-qabda.

4. Meta l-ksur suspettat ikun seħħ f'ibħra internazzjonali, l-Istat Membru tal-port għandu jikkoopera ma' l-Istat tal-bandiera fl-investigazzjoni li tkun qieġħda ssir u, fejn ikun xieraq, għandu japplika s-sanzjonijiet previsti mil-liġi ta' dak l-Istat Membru tal-port, bil-kondizzjoni li, skond id-dritt internazzjonali, l-Istat tal-bandiera jkun qabel b'mod espress li jittrasferixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu. Barra minn hekk, fejn l-abbuż issuspettat ikun sar fl-ilmijiet marittimi ta' pajjiż terz, l-Istat Membru tal-port għandu

jikkoopera wkoll ma' l-Istat kostali fit-twettiq ta' l-investigazzjoni u, fejn xieraq, għandu japplika s-sanzjonijiet previsti mill-leġislazzjoni ta' l-Istat Membru tal-port bil-kondizzjoni li, skond id-dritt internazzjonali, dak l-Istat kostali jkun qabel espressament li jittrasferixxi l-ġurisdizzjoni tiegħu.

KAPITOLU III

SKEMA TA' ĊERTIFIKAZZJONI TAL-QABDA GĦALL-IMPORTAZZJONI U L-ESPORTAZZJONI TA' PRODOTTI TAS-SAJD

Artikolu 12

Ċertifikati tal-qabda

1. L-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tas-sajd miksuba minnsajd IUU għandha tkun ipprojbita.

2. Sabiex tiġi żgurata l-effettività tal-projbizzjoni stabbilita fil-paragrafu 1, il-prodotti tas-sajd għandhom jiġu importati biss fil-Komunità meta jkunu akkumpanjati b'ċertifikat tal-qabda f'konformità ma' dan ir-Regolament.

3. Iċ-ċertifikat tal-qabda msemmi fil-paragrafu 2 għandu jkun ivvalidat mill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd jew bastimenti tas-sajd li jkunu qabdu l-ħut li minnu jkunu nkisbu l-prodotti tas-sajd. Dan għandu jintuża sabiex jiċċertifika li dawn il-qabdiet saru skond il-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli.

4. Iċ-ċertifikat tal-qabda għandu jkun fih l-informazzjoni kollha speċifikata fil-kampjun li jidher fl-Anness II u għandu jiġi ivvalidat minn awtorità pubblika ta' l-Istat tal-bandiera bissetgħat meħtieġa sabiex tafferma l-eżattezza ta' l-informazzjoni. Bi qbil ma' l- Istati tal-bandiera, fi ħdan il-qafas tal-koperazzjoni stabbilit fl-Artikolu 20(4), iċ-ċertifikat tal-qabda jista' jiġi stabbilit, ivvalidat jew ippreżentat permezz ta' mezzi elettroniċi jew jiġi sostitwit b'sistemi ta' traċċabbiltà elettronika li jiżguraw l-istess livell ta' kontroll mill-awtoritajiet.

5. Il-lista fl-Anness I tal-prodotti eskluži mill-ambitu ta' l-implimentazzjoni taċ-ċertifikat tal-qabda tista' tiġi riveduta kull sena abbaži tar-riżultati ta' l-informazzjoni miġbura taħt il-Kapitoli II, III, IV, V, VIII, X u XII, u emendata skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 54(2).

Artikolu 13

Skemi tad-dokumentazzjoni tal-qabda maqbula u fis-seħħ fil-qafas ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd

1. Dokumenti tal-qabda, u kull dokument relatat, ivvalidat b'konformità ma' l-iskemi tad-dokumentazzjoni tal-qabda adottati minn organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li huma rikonoxxuti bħala konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament, għandhom jiġu aċċettati bħala ċertifikati tal-qabda fir-rigward tal-prodotti tas-sajd minn speċi li għalihom ikunu japplikaw dawn l-iskemi tad-dokumentazzjoni tal-qabda u jkunu soġġetti għar-rekwiżiti ta' iċċekkjar u verifika imposti fuq l-Istat Membru ta' l-importazzjoni skond l-Artikoli 16 u 17 u għad-dispożizzjonijiet dwar ir-rifjut ta' importazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 18. Il-lista ta' dawn l-iskemi tad-dokumentazzjoni tal-qabda għandha tkun determinata skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 54(2).

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika mingħajr preġudizzju għar-regolamenti speċifiċi fis-seħħ li bihom dawn l-iskemi tad-dokumentazzjoni tal-qabda huma implimentati fil-liġi Komunitarja.

Artikolu 14

Importazzjoni indiretta ta' prodotti tas-sajd

1. Sabiex ikun jista' jimporta prodotti tas-sajd li jikkostitwixxu kunsinna waħda, ittrasportati fl-istess forma lill-Komunità minn pajjiż terz għajr l-Istat tal-bandiera, l-importatur għandu jippreżenta lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri ta' importazzjoni:

(a) iċ-ċertifikati(i) tal-qabda vvalidat(i) mill-Istat tal-bandiera, u

(b) prova dokumentata li l-prodotti tas-sajd ma għaddew minn ebda operazzjoni għajr żbark, tagħbija mill-ġdid jew kwalunkwe operazzzjoni bil-għan li tippreżervahom f'kondizzjoni tajba u ġenwina, u baqgħu taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet kompetenti f'dak il-pajjiż terz.

Prova dokumentata għandha tingħata permezz ta':

(i) fejn xieraq, id-dokument uniku tat-trasport maħruġ sabiex ikopri l-passaġġ mit-territorju ta' l-Istat tal-bandiera minn ġo dak il-pajjiż terz; jew

(ii) dokument maħruġ mill-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiż terz:

— li jagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodotti tas-sajd, id-dati tal-iżbark u tat-tagħbija mill-ġdid tal-prodotti u, fejn applikabbli, l-ismijiet tal-bastimenti, jew tal-mezzi l-oħrajn tat-trasport użati, u

— li jindika l-kondizzjonijiet li skondhom il-prodotti tas-sajd baqgħu f'dak il-pajjiż terz.

Fejn l-speċi kkonċernati huma soġġetti għal skema tad-dokumentazzjoni ta' l-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, li ġiet rikonoxxuta skond l-Artikolu 13, id-dokumenti msemmija hawn fuq jistgħu jiġu sostitwiti biċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni ta' din l-iskema tad-dokumentazzjoni, dment li l-pajjiż terz ikun issodisfa ir-rekwiżiti ta' notifika tiegħu kif meħtieġ.

2. Sabiex ikun jista' jimporta prodotti tas-sajd li jikkostitwixxu kunsinna waħda u li ġew ipproċessati f'pajjiż terz għajr l-Istat tal-bandiera, l-importatur għandu jippreżenta lill-awtoritajiet ta' l-Istat Membru ta' importazzjoni, dikjarazzjoni stabbilita mill-impjant ta' ipproċessar f'dak il-pajjiż terz u endorsjat mill-awtoritajiet kompetenti tiegħu skond il-formola fl-Anness IV:

(a) li jkun jagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodotti mhux ipproċessati u l-prodotti pproċessati u l-kwantitajiet rispettivi tagħhom;

(b) li jindika li l-prodotti pproċessati ġew ipproċessati f'dak il-pajjiż terz minn qabdiet akkumpanjati minn ċertifikat(i) tal-qabda vvalidati mill-Istat tal-bandiera; u

(ċ) jkun akkumpanjat minn:

(i) iċ-ċertifikat(i) oriġinali tal-qabda fejn it-totalità tal-qabdiet ikkonċernati ntużat għall-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd esportati f'kunsinna waħda, jew

(ii) kopja taċ-ċertifikat(i) oriġinali tal-qabda, fejn parti mill-qabdiet ikkonċernati ġiet użata parzjalment għall-ipproċessar tal-prodotti tas-sajd esportati f'kunsinna waħda.

Fejn l-ispeċi kkonċernati huma soġġetti għal skema tad-dokumentazzjoni ta' l-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, li ġiet rikonoxxuta skond l-Artikolu 13, id-dikjarazzjoni tista' tiġi sostitwita biċ-ċertifikat ta' riesportazzjoni ta' dik l-iskema tad-dokumentazzjoni, dment li l-pajjiż terz ta' l-ipproċessar ikun issodisfa ir-rekwiżiti ta' notifika tiegħu rispettivament.

3. Id-dokumenti u d-dikjarazzjoni stabbiliti fil-paragrafi (1)(b) u 2 ta' dan l-Artikolu rispettivament jistgħu jiġu kkomunikati b'mezzi elettroniċi fil-qafas tal-koperazzjoni stabbilita fl-Artikolu 20(4).

Artikolu 15

Esportazzjoni ta' qabdiet li jkunu saru minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru

1. L-esportazzjoni ta' qabdiet li jkunu saru minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru għandhom ikunu soġġetti għall-validazzjoni taċ-ċertifikat tal-qabda mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru tal-bandiera, kif stabbilit fl-Artikolu 12(4), jekk meħtieġ fil-qafas ta' koperazzjoni stabbilit fl-Artikolu 20(4).

2. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti tagħhom għall-validazzjoni taċ-ċertifikati tal-qabda msemmijin fil-paragrafu 1.

Artikolu 16

Preżentazzjoni u iċċekkjar ta' ċertifikati tal-qabda

1. Iċ-ċertifikati tal-qabda vvalidati għandhom jintbagħtu mill-importatur lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru fejn il-prodott ikun intenzjonat li jiġi importat mill-anqas tlett ijiem ta' xogħol qabel il-ħin mistenni tal-wasla fil-post tad-dħul fit-territorju tal-Komunità. L-iskadenza ta' tlett ijiem ta' xogħol tista' tkun adattata skond it-tip ta' prodott tas-sajd, id-distanza għall-post ta' dħul fit-territorju tal-Komunità jew il-mod ta' trasport użat. Dawl l-awtoritajiet kompetenti għandhom, abbażi ta' ġestjoni tar-riskju, jiċċekkjaw iċ-ċertifikat tal-qabda fid-dawl ta' l-informazzjoni pprovduta fin-notifika rċevuta mill-Istat tal-bandiera skond l-Artikoli 20 u 22.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, l-importaturi li ngħataw l-istatus ta' operatur ekonomiku approvat jistgħu jagħtu parir lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru dwar il-wasla tal-prodotti sa l-iskadenza msemmija fil-paragrafu 1 u jżommu ċ-ċertifikati tal-qabda vvalidati u d-dokumenti relatati kif imsemmi fl-Artikolu 14 għad-dispożizzjoni ta' l-awtoritajiet għall-finijiet ta' l-iċċekkjar skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jew il-verifiki skond l-Artikolu 17.

3. Il-kriterji għall-għoti ta' l-istatus ta' operatur ekonomiku approvat għal importatur mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru għandhom jinkludu:

(a) l-istabbiliment ta' l-importatur fit-territorju ta' dak l-Istat Membru;

(b) numru u volum suffiċjenti ta' operazzjonijiet ta' importazzjoni li jiġġustifikaw l-implimentazzjoni tal-proċedura msemmija fil-paragrafu 2;

(ċ) rekord xieraq ta' konformità mar-rekwiżiti ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni;

(d) sistema sodisfaċenti ta' rekords ta' ġestjoni kummerċjali, u fejn meħtieġ, ta' rekords ta' trasport u pproċessar, li tippermetti li jsir l-iċċekkjar u l-verifiki adatti għall-finijiet ta' dan ir-Regolament;

(e) l-eżistenza ta' faċilitajiet fir-rigward tat-twettiq ta' dak l-iċċekkjar u l-verifiki;

(f) fejn xieraq, standards prattiċi ta' kompetenza jew kwalifiki professjonali relatati direttament ma' l-attivitajiet imwettqin; u

(g) fejn xieraq, prova ta' solvenza finanzjarja.

L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-isem u l-indirizz ta' l-operaturi ekonomiċi approvati malajr kemm jista' jkun wara li jkunu taw dan l-istatus. Il-Kummissjoni għandha tpoġġi din l-informazzjoni għad-dispożizzjoni ta' l-Istati Membri permezz ta' mezzi elettroniċi.

Ir-regoli dwar l-istatus ta' operatur ekonomiku approvat jistgħu jiġu ddeterminati skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 54(2).

Artikolu 17

Verifiki

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jwettqu l-verifiki kollha li huma jqisu neċessarji sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma applikati korrettament.

2. Il-verifiki jistgħu jikkonsistu, b'mod partikolari, fl-eżaminar tal-prodotti, il-verifika tad-data ddikjarata u l-eżistenza u l-awtentiċità tad-dokumenti, l-eżaminar tal-kotba ta' operaturi u rekords oħrajn, l-ispezzjonar tal-mezzi tat-trasport, inklużi l-kontejners u l-imħażen tal-prodotti u l-eżekuzzjoni ta' stħarriġ uffiċjali u atti simili oħrajn, barra l-ispezzjonar ta' bastimenti tas-sajd fil-port skond il-Kapitolu II.

3. Il-verifiki għandhom ikunu ffokati fuq ir-riskju identifikat abbażi ta' kriterji żviluppati fil-livell nazzjonali jew Komunitarju skond il-ġestjoni tar-riskju. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-kriterji nazzjonali tagħhom fi żmien 30 jum ta' xogħol wara d-29 ta' Ottubru 2008 u jaġġornaw din l-informazzjoni. Il-kriterji Komunitarji għandhom ikunu ddeterminati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(2).

4. Il-verifiki għandhom jitwettqu, fi kwalunkwe każ, fejn:

(a) l-awtorità ta' verifika ta' l-Istat Membru jkollha raġun tiddubita l-awtentiċità taċ-ċertifikat tal-qabda nnifsu, tas-siġill tal-validazzjoni jew tal-firma ta' l-awtorità rilevanti ta' l-Istat tal-bandiera, jew

(b) l-awtorità ta' verifika ta' l-Istat Membru tkun fil-pussess ta' informazzjoni li titfa' dubju dwar l-osservanza mill-bastiment tas-sajd tal-liġijiet, ir-regolamenti jew il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli, jew l-issodisfar ta' rekwiżiti oħrajn ta' dan ir-Regolament, jew

(ċ) bastimenti tas-sajd, kumpanniji tas-sajd jew kull operatur ieħor ikunu ġew irrapportat b'konnessjoni ma' sajd preżunti bħala IUU, inklużi dawk il-bastimenti tas-sajd li jkunu ġew irrapportati lil organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd skond it-termini ta' strument adottat minn dik l-organizzazzjoni sabiex jiġu stabbiliti listi ta' bastimenti preżunti li jkunu wettqu sajd illegali, mhux irrapportat u mhux irregolat, jew

(d) l-Istati tal-bandiera jew pajjiżi tar-riesportazzjoni ikunu ġew irrapportati lil organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd skond it-termini ta' strument adottat minn dik l-organizzazzjoni sabiex jiġu implimentati miżuri kummerċjali fir-rigward ta' l-Istati tal-bandiera, jew

(e) ikun ġie ppubblikat avviż ta' allert skond l-Artikolu 23(1).

5. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jwettqu verifiki mingħajr avviż minn qabel, minbarra l-verifiki msemmija fil-paragrafi 3 u 4.

6. Għall-fini ta' verifika, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jitolbu l-assistenza ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat tal-bandiera jew tal-pajjiż terz li minbarra l-Istat tal-bandiera imsemmi fl-Artikolu 14, f'liema każ:

(a) it-talba għall-assistenza għandha tiddikjara r-raġunijiet għalfejn l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru in kwistjoni għandhom dubji ben fondati dwar il-validità taċ-ċertifikat, tad-dikjarazzjonijiet li jkun fih u/jew tal-konformità tal-prodotti mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni. Kopja taċ-ċertifikat tal-qabda u kull informazzjoni jew dokumenti li jissuġġerixxu li l-informazzjoni fuq iċ-ċertifikat hija ineżatta għandhom jitressqu b'appoġġ tat-talba għall-assistenza. It-talba għandha tintbagħat mingħajr dewmien lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat tal-bandiera jew ta' pajjiż terz minbarra l-Istat tal-bandiera kif imsemmi fl-Artikolu 14;

(b) il-proċedura tal-verifika għandha tiġi kompluta fi żmien 15-il jum mid-data tat-talba għall-verifika. Fl-eventwalità li l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat tal-bandiera ma jkunux jistgħu jirrispettaw l-iskadenza, l-awtoritajiet ta' verifika fl-Istat Membru jistgħu, fuq talba ta' l-Istat tal-bandiera jew tal-pajjiż terz minbarra l-Istat tal-bandiera kif imsemmi fl-Artikolu 14 jikkonċedu estensjoni ta' l-iskadenza għat-tweġiba, li ma jkunx jeċċedi 15-il jum ieħor.

7. Ir-rilaxx tal-prodotti fuq is-swieq għandu jiġi sospiż tul l-istennija tar-riżultati tal-proċeduri tal-verifika msemmijin fil-paragrafi (1) sa (6). L-ispejjeż għall-ħażna għandhom jiħallsu mill-operatur.

8. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti tagħhom għall-iċċekkjar u l-verifiki taċ-ċertifikati skond l-Artikolu 16 u l-paragrafi (1) sa (6) ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 18

Rifjut ta' importazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jirrifjutaw l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tas-sajd mingħajr ma jkollhom għalfejn jitolbu prova addizzjonali jew jibagħtu talba għall-assistenza lill-Istat tal-bandiera fejn dawn isiru konxji li:

(a) l-importatur ma jkunx seta' jibgħat ċertifikat tal-qabda għall-prodotti kkonċernati jew jissodisfa l-obbligi tiegħu skond l-Artikolu 16(1) jew (2);

(b) il-prodotti intenzjonati għall-importazzjoni ma jkunux l-istess bħal dawk imsemmijin fiċ-ċertifikat tal-qabda;

(ċ) iċ-ċertifikat tal-qabda ma jkunx ivvalidat mill-awtorità pubblika ta' l-Istat tal-bandiera msemmija fl-Artikolu 12(3);

(d) iċ-ċertifikat tal-qabda ma jkunx jindika l-informazzjoni kollha meħtieġa;

(e) l-importatur ma jkunx f'pożizzjoni li jipprova li l-prodotti tas-sajd huma konformi mal-kundizzjonijiet ta' l-Artikolu 14(1) jew (2);

(f) il-bastiment tas-sajd li jkun jidher fuq iċ-ċertifikat tal-qabda bħala l-bastiment ta' l-oriġini tal-qabdiet ikun inkluż fil-lista Komunitarja ta' bastimenti IUU jew fil-listi ta' bastimenti IUU msemmija fl-Artikolu 30;

(g) iċ-ċertifikat tal-qabda jkun ġie vvalidat mill-awtoritajiet ta' l-Istat tal-bandiera identifikat bħala Stat li ma jikkooperax skond l-Artikolu 31.

2. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, jirrifjutaw l-importazzjoni ta' kwalunkwe prodott tas-sajd fil-Komunità, wara talba għall-assistenza skond l-Artikolu 17(6), fejn:

(a) ikunu rċevew tweġiba skond liema l-esportatur ma jkunx intitolat li jitlob il-validazzjoni taċ-ċertifikat tal-qabda; jew,

(b) ikunu rċevew tweġiba skond liema l-prodotti ma jkunux konformi mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni, jew ma jkunx sodisfatti kundizzjonijiet oħrajn skond dan il-Kapitolu; jew,

(ċ) ma jkunux irċevew tweġiba sa l-iskadenza stipulata; jew,

(d) ikunu rċevew risposta li ma tipprovdix tweġibiet pertinenti għall-mistoqsijiet imressqin fit-talba.

3. Fl-eventwalità li l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd tiġi rrifjutata skond il-paragrafi 1 jew 2, l-Istati Membri jistgħu jikkonfiskaw u jeqirdu, jiddisponu minn jew ibiegħu dawn il-prodotti tas-sajd skond il-liġi nazzjonali. Il-qliegħ mill-bejgħ jista' jintuża għal finijiet ta' karità.

4. Kwalunkwe persuna għandu jkollha d-dritt li tappella kontra deċiżjonijiet meħudin mill-awtoritajiet kompetenti skond il-paragrafi 1, 2 jew 3 li jkunu jikkonċernawha. Id-dritt ta' appell għandu jiġi eżerċitat skond id-dispożizzjonijiet fis-seħħ fl-Istat Membru kkonċernat.

5. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Istat tal-bandiera u, fejn xieraq, lill-pajjiż terz minbarra l-Istat tal-bandiera kif imsemmi fl-Artikolu 14 dwar ir-rifjuti ta' importazzjoni. Kopja tan-notifika għandha tintbagħat lill-Kummissjoni.

Artikolu 19

Transitu u trasbord

1. Fejn, fil-punt ta' dħul fit-territorju tal-Komunità, il-prodotti tas-sajd jitqiegħdu taħt proċedura ta' transitu u ttrasportati lejn Stat Membru ieħor fejn għandhom jitqiegħdu taħt proċedura doganali oħra, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 17 u 18 għandhom jiġu implimentati f'dak l-Istat Membru.

2. Fejn, fil-punt ta' dħul fit-territorju tal-Komunità, il-prodotti tas-sajd jitqiegħdu taħt proċedura ta' transitu u ttrasportati lejn post ieħor fl-istess Stat Membru ieħor fejn għandhom jitqiegħdu fi proċedura doganali oħra, dak l-Istat Membru jista' jimplimenta id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 16, 17 u 18 fil-punt ta' dħul jew fil-post ta' destinazzjoni. L-Istati Membri għandhom, malajr kemm jista' jkun, jinnotifikaw lill-Kummissjoni l-miżuri adottati għall-implimentazzjoni ta' dan il-paragrafu u jaġġornaw din l-informazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika dawn in-notifiki fuq is-sit web tagħha.

3. Fejn, fil-punt ta' dħul fit-territorju tal-Komunità, il-prodotti tas-sajd jiġu trasbordati u trasportati bil-baħar lejn Stat Membru ieħor, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 17 u 18 għandhom jiġu implimentati f'dak l-Istat Membru.

4. L-Istat Membru ta' trasbord għandu jikkomunika lill-Istati Membri ta' destinazzjoni l-informazzjoni meħuda mid-dokumentazzjoni ta' trasport dwar in-natura tal-prodotti tas-sajd, il-piż tagħhom, il-port ta' żbark u l-karigatur tal-merkanzija fil-pajjiż terz, l-ismijiet tal-bastimenti ta' trasport u l-portijiet ta' trasbord u d-destinazzjoni, hekk kif din l-informazzjoni tkun magħrufa u qabel id-data tal-wasal antiċipata fil-port ta' destinazzjoni.

Artikolu 20

Notifiki ta' l-Istat tal-bandiera u koperazzjoni ma' pajjiżi terzi

1. L-aċċettazzjoni ta' ċertifikati tal-qabda vvalidati minn Stat tal-bandiera partikolari għall-fini ta' dan ir-Regolament għandha tkun soġġetta għall-kundizzjoni li l-Kummissjoni tkun irċeviet notifika mill-Istat tal-bandiera kkonċernat li tiċċertifika li:

(a) huwa għandu stabbilit arranġamenti nazzjonali għall-implimentazzjoni, il-kontroll u l-infurzar tal-liġijiet, r-regolamenti u l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni li magħhom iridu jikkonformaw il-bastimenti tas-sajd tiegħu;

(b) l-awtoritajiet pubbliċi tiegħu għandhom is-setgħa li jaffermaw il-veraċità ta' l-informazzjoni li hemm fiċ-ċertifikati tal-qabda u li jesegwixxu verifiki ta' dawn iċ-ċertifikati fuq it-talba ta' l-Istati Membri. In-notifika għandha tinkludi wkoll l-informazzjoni meħtieġa sabiex jiġu identifikati dawk l-awtoritajiet.

2. L-informazzjoni li għandha tingħata fin-notifika msemmija fil-paragrafu 1 jinsabu fl-Anness III għal dan ir-Regolament.

3. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istat tal-bandiera li tkun irċeviet in-notifika mibgħuta skond il-paragrafu 1. Jekk l-elementi kollha msemmija fil-paragrafu 1 ma jingħatawx lill-Kummissjoni mill-Istat tal-bandiera, il-Kummissjoni għandha tindika lill-Istat tal-bandiera liema huma l-elementi neqsin u titlob li huwa jipprovdi notifika ġdida.

4. Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tikkoopera b'mod amministrattiv ma' pajjiżi terzi f'oqsma li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni tal-qabda ta' dan ir-Regolament, inkluż l-użu ta' mezzi elettroniċi sabiex jiġu stabbiliti, ivvalidati jew ippreżentati ċ-ċertifikati tal-qabda u fejn xieraq, id-dokumenti msemmija fl-Artikolu 14(1) u 14(2).

Din il-koperazzjoni għandha jkollha l-għan li:

(a) jiġi żgurat li l-prodotti tas-sajd importati fil-Komunità joriġinaw minn qabdiet magħmulin f'konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti jew il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli;

(b) jiġi ffaċilitat it-twettiq mill-Istati tal-bandiera tal-formalitajiet marbutin ma' l-aċċess għall-portijiet tal-bastimenti tas-sajd, l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u r-rekwiżiti ta' verifika taċ-ċertifikati tal-qabda stabbiliti fil-Kapitolu II u dan il-Kapitolu;

(ċ) jiġi previst t-twettiq ta' verifiki fuq il-post mill-Kummissjoni jew korp maħtur minnha sabiex jivverifika l-implimentazzjoni effettiva ta' l-arranġament ta' koperazzjoni;

(d) jiġi previst l-istabbiliment ta' qafas għall-iskambju ta' informazzjoni bejn iż-żewġ naħat b'appoġġ għall-implimentazzjoni ta' l-arranġament ta' koperazzjoni.

5. Il-koperazzjoni stabbilita fil-paragrafu 4 m'għandhiex titqies bħala prekondizzjoni għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu għall-importazzjonijiet li joriġinaw minn qabdiet magħmulin minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' kwalunkwe Stat.

Artikolu 21

Riesportazzjoni

1. Ir-riesportazzjoni ta' prodotti importati taħt ċertifikat tal-qabda skond dan il-Kapitolu għandha tkun awtorizzata bis-saħħa tal-validazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru minn fejn ir-riesportazzjoni għandha ssir tat-taqsima "riesportazzjoni" taċ-ċertifikat tal-qabda jew kopja tagħhom fejn il-prodotti tas-sajd għar-riesportazzjoni huma parti mill-prodotti importati.

2. Il-proċedura definita fl-Artikolu 16(2) għandha tapplika mutadis mutandis fejn il-prodotti tas-sajd huma riesportati minn operatur ekonomiku approvat.

3. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni bl-awtoritajiet kompetenti għall-validazzjoni u l-verifika tat-taqsima "riesportazzjoni" taċ-ċertifikati tal-qabda skond il-proċedura definita fl-Artikolu 15.

Artikolu 22

Żamma ta' rekords u disseminazzjoni

1. Il-Kummissjoni għandha żżomm rekord ta' l-Istati u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom innotifikati skond dan il-Kapitolu li jkunu jinkludu:

(a) L-Istati Membri li jkunu nnotifikaw l-awtoritajiet kompetenti tagħhom sabiex jivvalidaw, jiċċekkjaw u jivverifikaw iċ-ċertifikati tal-qabda u r-riesportazzjoni skond l-Artikoli 15, 16, 17 u 21 rispettivament;

(b) l-Istati tal-bandiera li jkunu waslu n-notifiki dwarhom skond l-Artikolu 20(1), li jindikaw lil dawk li magħhom tkun ġie stabbilita koperazzjoni ma' pajjiżi terzi skond l-Artikolu 20(4).

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha u f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* il-lista ta' l-Istati u l-awtoritajiet kompetenti tagħhom imsemmija fil-paragrafu 1, u għandha taġġorna din l-informazzjoni regolarment. Il-Kummissjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni permezz ta' mezzi elettroniċi, id-dettalji ta' l-Istati tal-bandiera inkarigati mill-validazzjoni u l-verifika taċ-ċertifikati tal-qabda lill-awtoritajiet fl-Istati Membri responsabbli mill-validazzjoni u l-verifika taċ-ċertifikati tal-qabda.

3. Il-Kummissjoni għandha tippubblika fuq is-sit web tagħha u f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* il-lista ta' l-iskemi tad-dokumentazzjoni tal-qabda li huma rikonoxxuti skond l-Artikolu 13 u għandha taġġornaha fuq bażi regolari.

4. L-Istati Membri għandhom iżommu l-oriġinali taċ-ċertifikati tal-qabda ppreżentati għall-importazzjoni, iċ-ċertifikati tal-qabda vvalidati għall-esportazzjoni u t-taqsimiet ta' riesportazzjoni vvalidati taċ-ċertifikati tal-qabda, għal perijodu ta' tliet snin jew aktar, skond ir-regoli nazzjonali.

5. L-operaturi ekonomiċi approvati għandhom iżommu l-oriġinali tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 4, għal perijodu ta' tliet snin jew aktar, skond ir-regoli nazzjonali.

KAPITOLU IV

IS-SISTEMA KOMUNITARJA TA' ALLARM

Artikolu 23

Ħruġ ta' Allerti

1. Fejn l-informazzjoni miksuba skond il-Kapitoli II, III, V, VI, VII, VIII, X jew XI tqajjem dubju ben fondat rigward il-konformità minn bastimenti tas-sajd jew prodotti tas-sajd minn ċerti pajjiżi terzi, mal-liġijiet jew ir-regolamenti applikabbli, inklużi l-liġijiet jew ir-regolamenti applikabbli kkomunikati minn pajjiżi terzi skond il-koperazzjoni amministrattiva msemmija fl-Artikolu 20(4), jew mal-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni, il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż ta' allert fuq is-sit web tagħha u f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni*

Ewropea sabiex iwissi lill-operaturi u sabiex jiżgura li l-Istati Membri jieħdu miżuri xierqa fir-rigward tal-pajjiżi terzi kkonċernati skond dan il-Kapitolu.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika l-informazzjoni imsemmija fil-paragrafu 1 mingħajr dewmien lill-awtoritajiet ta' l-Istati Membri u lill-Istat tal-bandiera kkonċernat u, fejn xieraq, lill-pajjiż terz minbarra l-Istat tal-bandiera kif imsemmi fl-Artikolu 14.

Artikolu 24

Azzjoni wara l-ħruġ ta' allerti

1. Hekk kif tasal l-informazzjoni kkomunikata skond l-Artikolu 23(2), l-Istati Membri għandhom, fejn xieraq, u skond il-ġestjoni tar-riskju:

(a) jidentifikaw il-kunsinni li għaddejjin tal-prodotti tas-sajd li għandhom jiġu importati li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-avviż ta' allert u jesegwixxu verifika taċ-ċertifikat tal-qabda u, fejn xieraq, tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 14, skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17;

(b) jieħdu miżuri sabiex jiġi żgurat li l-kunsinni futuri ta' prodotti tas-sajd intenzjonati għall-importazzjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-avviż ta' allert jiġu ppreżentati għall-verifika taċ-ċertifikat tal-qabda, u, fejn xieraq, tad-dokumenti msemmijin fl-Artikolu 14, skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 17;

(ċ) jidentifikaw il-kunsinni preċedenti ta' prodotti tas-sajd li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-avviż ta' allert u jesegwixxu l-verifiki adatti, inkluża l-verifika taċ-ċertifikati tal-qabda ppreżentati preċedentement;

(d) jissottomettu lill-bastimenti tas-sajd li jkunu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' l-avviż ta' allert, skond ir-regoli tad-dritt internazzjonali, għall-istħarriġ, l-investigazzjonijiet jew l-ispezzjonijiet meħtieġa fuq il-baħar, fil-portijiet jew f'kull post ieħor ta' l-iżbark.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni malajr kemm jista' jkun il-konklużjonijiet tal-verifiki u t-talbiet għall-verifiki li jagħmlu u l-azzjonijiet li jieħdu fejn ikun ġie stabbilit in-nuqqas ta' konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti u l-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli.

3. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-verifiki mwettqa skond il-paragrafu 1, m'għadx jibqa' jeżisti dubju ben fondat li mmotiva l-avviż ta' allert, hija għandha, mingħajr dewmien:

(a) tippubblika avviż f'dak ir-rigward fuq is-sit web tagħha u f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* fejn tannulla l-avviż ta' allert ta' qabel;

(b) tavża lill-Istat tal-bandiera u, jekk ikun xieraq, lill-pajjiż terz minbarra l-Istat tal-bandiera kif imsemmi fl-Artikolu 14 bl-annullament; u

(ċ) tavża lill-Istati Membri permezz ta' kanali xierqa.

4. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-verifiki mwettqa skond il-paragrafu 1, jibqa' jeżisti d-dubju ben fondat li jkun ħeġġeġ l-avviż ta' allert, hija għandha, mingħajr dewmien:

(a) taġġorna l-avviż ta' allert permezz ta' pubblikazzjoni ġdida fuq is-sit web tagħha u f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta l-Unjoni Ewropea*;

(b) tavża lill-Istat tal-bandiera u, jekk ikun xieraq, lill-pajjiż terz minbarra l-Istat tal-bandiera kif imsemmi fl-Artikolu 14;

(ċ) tavża lill-Istati Membri, permezz ta' kanali xierqa; u

(d) fejn ikun xieraq, tirreferi l-kwistjoni lill-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tagħha setgħu ma ġewx rispettati.

5. Fejn il-Kummissjoni tiddeċiedi li fid-dawl tal-konklużjonijiet tal-verifiki mwettqa skond il-paragrafu 1, ikun hemm raġunijiet suffiċjenti sabiex tikkonsidra li l-fatti stabbiliti jistgħu jikkostituwixxu każ ta' nuqqas ta' konformità mal-liġijiet, ir-regolamenti jew il-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli, din għandha, mingħajr dewmien:

(a) tippubblika avviż ta' allert ġdid għal dak l-għan fuq is-sit web tagħha u f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*;

(b) tavża lill-Istat tal-bandiera u tibda l-proċedimenti u l-proċeduri politiċi xierqa skond il-Kapitoli V u VI;

(ċ) fejn xieraq, tavża lill-pajjiż terz minbarra l-Istat tal-bandiera kif imsemmi fl-Artikolu 14;

(d) tavża lill-Istati Membri, permezz ta' kanali xierqa; u

(e) fejn ikun xieraq, tirreferi l-kwistjoni lill-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li l-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni tagħha setgħu ma ġewx rispettati.

KAPITOLU V

L-IDENTIFIKAZZJONI TA' BASTIMENTI TAS-SAJD INVOLUTI F'SAJD IUU

Artikolu 25

Sajd allegat bħala IUU

1. Il-Kummissjoni, jew korp maħtur minnha, għandha tiġbor u tanalizza:

(a) l-informazzjoni kollha dwar sajd IUU miksuba skond il-Kapitoli II, III, IV, VIII, X u XI, u/jew

(b) kull informazzjoni rilevanti oħra, kif adatt, bħal:

(i) id-data dwar il-qabda;

(ii) l-informazzjoni dwar il-kummerċ miksuba minn statistika nazzjonali u sorsi affidabbli oħrajn;

(iii) ir-reġistri u d-databases tal-bastimenti;

(iv) il-programmi ta' dokumenti ta' qabda tal-ħut jew dokumenti ta' statistika ta' l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd;

(v) ir-rapporti dwar lemħ jew attivitajiet oħrajn ta' bastimenti tas-sajd preżunti bħala involuti f'sajd IUU kif imsemmi fl-Artikolu 3 u l-listi ta' bastimenti IUU rrapportati jew adottati minn organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd;

(vi) ir-rapporti skond it-termini tar-Regolament (KEE) Nru. 2847/93 dwar il-bastimenti tas-sajd preżunti bħala involuti f'sajd IUU kif imsemmi fl-Artikolu 3;

(vii) kull informazzjoni rilevanti oħra miksuba fost oħrajn fil-portijiet u fiż-żoni tas-sajd.

2. L-Istati Membri jistgħu, fi kwalunkwe ħin, jippreżentaw lill-Kummissjoni kull informazzjoni addizzjonali li tista' tkun rilevanti għat-tfassil tal-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità. Il-Kummissjoni, jew korp maħtur minnha, għandha tiċċirkola l-informazzjoni, flimkien mal-provi kollha pprovduti, lill-Istati Membri u lill-Istati tal-bandiera kkonċernati.

3. Il-Kummissjoni, jew korp maħtur minnha, għandha żżomm fajl fir-rigward ta' kull wieħed mill-bastimenti tas-sajd irrapportat li allegatament kien involut f'sajd IUU li għandu jiġi aġġornat hekk kif tinkiseb xi informazzjoni ġdida.

Artikolu 26

Sajd preżunt bħala IUU

1. Il-Kummissjoni għandha tidentifika bastimenti tas-sajd li dwarhom tkun inkisbet informazzjoni suffiċjenti skond l-Artikolu 25 sabiex tippreżumi li dawn il-bastimenti tas-sajd setgħu kienu involuti f'sajd IUU, b'lok li ssirilhom inkjesta uffiċjali ma' l-Istat tal-bandiera kkonċernat.

2. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Istati tal-bandiera li l-bastimenti tas-sajd tagħhom jiġu identifikati skond il-paragrafu 1 b'talba uffiċjali għal inkjesta fuq is-sajd allegat bħala IUU tal-bastimenti kkonċernati li jtajjru l-bandiera tagħhom. In-notifika għandha:

(a) tipprovdi l-informazzjoni kollha miġbura mill-Kummissjoni dwar is-sajd allegat bħala IUU;

(b) toħroġ talba uffiċjali lill-Istat tal-bandiera sabiex jieħu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jinvestiga s-sajd allegat bħala IUU u jikkondividi r-riżultati ta' din l-investigazzjoni mal-Kummissjoni fil-ħin;

(ċ) toħroġ talba uffiċjali lill-Istat tal-bandiera sabiex jieħu azzjoni ta' infurzar immedjata kemm-il darba l-allegazzjoni magħmula kontra l-bastiment tas-sajd ikkonċernat tiġi ppruvata li hi fondata, u sabiex jinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkunu ttieħdu;

(d) titlob lill-Istat tal-bandiera sabiex tinnotifika lis-sid jew, fejn xieraq, lill-operatur tal-bastimenti tas-sajd bid-dikjarazzjoni dettaljata bir-raġunijiet għall-elenkar intenzjonat u bil-konsegwenzi li jirriżultaw kemm-il darba l-bastiment tas-sajd jiddaħħal fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità, kif stabbilit fl-Artikolu 37. L-Istati tal-bandiera għandhom ikunu mitluba wkoll jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni rigward is-sidien tal-bastiment tas-sajd u, fejn xieraq, l-operaturi sabiex jiġi żgurat li dawn il-persuni jkunu jistgħu jinstemgħu, skond l-Artikolu 27(2);

(e) tagħti pariri lill-Istat tal-bandiera dwar id-dispożizzjonijiet fil-Kapitoli VI u VII.

3. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika l-Istati Membri tal-bandiera li l-bastimenti tas-sajd tagħhom jiġu identifikati skond il-paragrafu 1 b'talba uffiċjali għal inkjesta fuq is-sajd allegat bħala IUU tal-bastimenti kkonċernati li jtajjru l-bandiera tagħhom. In-notifika għandha:

(a) tipprovdi l-informazzjoni kollha miġbura mill-Kummissjoni dwar sajd allegat bħala IUU;

(b) tinkludi talba uffiċjali lill-Istat Membru tal-bandiera sabiex jieħu l-miżuri kollha meħtieġa, skond ir-Regolament (KEE) Nru 2847/93 sabiex jinvestiga s-sajd allegat bħala IUU jew, fejn xieraq, jirrapporta dwar il-miżuri kollha diġà meħudin sabiex jiġi investigat u jikkondividi ir-riżultati ta' din l-investigazzjoni mal-Kummissjoni fil-ħin;

(ċ) toħroġ talba uffiċjali lill-Istat Membru tal-bandiera sabiex jieħu azzjoni ta' infurzar fil-ħin kemm-il darba l-allegazzjoni magħmula kontra l-bastiment tas-sajd ikkonċernat tiġi ppruvata li hi fondata, u sabiex jinforma lill-Kummissjoni bil-miżuri li jkunu ttieħdu;

(d) titlob lill-Istat Membru tal-bandiera sabiex jinnotifika lis-sid u, fejn xieraq, lill-operatur tal-bastiment tas-sajd kkonċernat bid-dikjarazzjoni dettaljata bir-raġunijiet għall-elenkar intenzjonat u bil-konsegwenzi li jirriżultaw kemm-il darba l-bastiment jiddaħħal fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità, kif stabbilit fl-Artikolu 37. L-Istati Membri tal-bandiera għandhom ikunu mitluba wkoll jipprovdu informazzjoni lill-Kummissjoni rigward is-sidien tal-bastiment tas-sajd u, fejn xieraq, l-operaturi sabiex jiġi żgurat li dawn il-persuni jkunu jistgħu jinstemgħu, skond l-Artikolu 27(2).

4. Il-Kummissjoni għandha tiċċirkola l-informazzjoni dwar bastimenti tas-sajd preżunti li jkunu involuti f'sajd IUU lill-Istati Membri kollha bl-intenzjoni li tiffaċilita l-implimentazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

Artikolu 27

L-istabbiliment ta' lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità

1. Il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 54(2), tistabbilixxi lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità. Din il-lista għandha tinkludi l-bastimenti tas-sajd li fir-rigward tagħhom, barra l-miżuri li jkunu ttieħdu skond l-Artikoli 25 u 26, l-informazzjoni miksuba skond dan ir-Regolament tistabbilixxi li dawn kienu involuti f'sajd IUU u li l-Istati tal-bandiera tagħhom ma jkunux ikkonformaw mat-talbiet uffiċjali msemmija fl-Artikolu 26(2)(b) u (c) u fl-Artikolu, b'reazzjoni għal tali sajd IUU.

2. Qabel ma tqiegħed xi bastiment tas-sajd fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tipprovdi lis-sid, u, fejn xieraq, lill-operaturi tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat b'dikjarazzjoni dettaljata bir-raġunijiet għall-elenkar intenzjonat u bl-elementi kollha li jsostnu s-suspett li l-bastiment tas-sajd ikun għamel sajd IUU. Din id-dikjarazzjoni għandha ssemmi d-dritt li tintalab jew li tkun ipprovduta informazzjoni ulterjuri u għandha tagħti lis-sid, u, fejn xieraq, lill-operatur l-possibbiltà li jinstema u li jiddefendi l-każ tiegħu, bi żmien u mezzi xierqa allokat lilu.

3. Meta tittieħed deċiżjoni li bastiment tas-sajd jitqiegħed fuq il-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità, il-Kummissjoni għandha tinnotifika dik id-deċiżjoni, u r-raġunijiet għaliha, lis-sid u, fejn xieraq, lill-operatur tal-bastiment tas-sajd.

4. L-obbligi imposti fuq il-Kummissjoni mill-paragrafi 2 u 3 għandhom japplikaw mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja ta' l-Istat tal-bandiera fuq il-bastiment tas-sajd, u biss safejn l-informazzjoni rilevanti dwar l-identifikazzjoni tas-sid u l-operatur tal-bastiment tas-sajd tkun għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni.

5. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika l-Istat tal-bandiera dwar l-inklużjoni tal-bastiment tas-sajd fuq il-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità u għandha tipprovdi lill-istat tal-bandiera b'raġunijiet dettaljati għal dan l-elenkar.

6. Il-Kummissjoni għandha titlob lill-Istati tal-bandiera b'bastimenti tas-sajd fuq il-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità sabiex:

(a) jinnotifikaw lil sid il-bastiment tas-sajd bl-inklużjoni tiegħu fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità, bir-raġunijiet li jiġġustifikaw din l-inklużjoni u bil-konsegwenzi riżultanti minnha, kif stabbilit fl-Artikolu 36; u

(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jeliminaw is-sajd IUU, inkluż, jekk ikun meħtieġ, l-irtirar tar-reġistrazzjoni jew tal-liċenzji tas-sajd tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati, u sabiex jinfurmaw lill-Kummissjoni bil-miżuri li jittieħdu.

7. Dan l-Artikolu m'għandux japplika għall-bastimenti tas-sajd tal-Komunità jekk l-Istat Membru tal-bandiera jkun ħa azzjoni skond il-paragrafu 8.

8. Il-bastimenti tas-sajd tal-Komunità m'għandhomx jiġu inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità jekk l-Istat Membru tal-bandiera jkun ħa azzjoni skond dan ir-Regolament u r-Regolament (KEE) Nru 2847/93 kontra abbuż li jikkostitwixxi ksur serju kif stabbilit fl-Artikolu 3(2), mingħajr preġudizzju għall-azzjoni meħuda mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd.

Artikolu 28

Tneħħija ta' bastimenti tas-sajd mil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità

1. Il-Kummissjoni għandha tneħħi bastiment tas-sajd mil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(2), jekk l-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd juri li:

(a) il-bastiment ma kien involut f'ebda attività ta' sajd IUU li għaliha jkun tqiegħed fuq il-lista, jew

(b) ġew applikati sanzjonijiet proporzjonali, dissważivi u effettivi bi tweġiba għall-attivitajiet ta' sajd IUU in kwistjoni, speċjalment għall-bastimenti tas-sajd li jtajru bandiera ta' Stat Membru skond ir-Regolament (KEE) Nru 2847/93.

2. Is-sid jew, fejn xieraq, l-operatur ta' bastiment tas-sajd li jkun tqiegħed fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità jista' jibgħat talba lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi l-istatus ta' dak il-bastiment f'każ ta' ebda azzjoni mill-Istat tal-bandiera skond il-paragrafu 1.

Il-Kummissjoni għandha tikkunsidra biss it-tneħħija tal-bastiment tas-sajd mil-lista jekk:

(a) is-sid jew l-operatur jipprovdi provi li juru li l-bastiment tas-sajd m'għadux involut f'sajd IUU jew;

(b) il-bastiment tas-sajd elenkat għereq jew sar ruttam.

3. Fil-każijiet l-oħra kollha, l-Kummissjoni għandha tikkunsidra biss it-tneħħija tal-bastiment tas-sajd mil-lista jekk ikunu sodisfatti l-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) ikunu għaddew mill-anqas sentejn mill-elenkar tal-bastiment tas-sajd li matulhom ma jkun wasal ebda rapport ieħor lill-Kummissjoni ta' sajd allegat bħala IUU mill-bastiment skond l-Artikolu 25; jew

(b) is-sid irid jippreżenta informazzjoni relatata ma' l-operazzjoni kurrenti tal-bastiment tas-sajd li turi li dan qiegħed jopera b'konformità sħiħa mal-liġijiet, ir-regolamenti u/jew il-miżuri għall-konservazzjoni u ġestjoni li japplikaw għal kwalunkwe sajd li jkun qed jipparteċipa fih; jew

(ċ) il-bastiment tas-sajd ikkonċernat, is-sid jew l-operatur tiegħu, ma jkun baqgħalhom ebda rabta operattiva jew finanzjarja, sew jekk diretta u sew jekk indiretta, ma' xi bastiment, sid jew operatur ieħor preżunt jew ikkonfermat li hu involut f'sajd IUU.

Artikolu 29

Kontenut, pubbliċità u żamma tal-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità

1. Il-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità għandu jkun fiha d-dettalji li ġejjin għal kull wieħed mill-bastimenti tas-sajd:

(a) l-isem u l-ismijiet preċedenti, jekk ikun hemm;

(b) il-bandiera u l-bnadar preċedenti, jekk ikun hemm;

(ċ) is-sid u fejn rilevanti, is-sidien preċedenti, inklużi sidien benefiċjarji, jekk ikun hemm;

(d) l-operatur u fejn rilevanti, l-operaturi preċedenti, jekk ikun hemm;

(e) is-sinjal tas-sejħa jew il-sinjali tas-sejħa preċedenti, jekk ikun hemm;

(f) in-numru ta' Lloyds/IMO, fejn dan ikun disponibbli;

(g) ir-ritratti, fejn ikunu disponibbli;

(h) id-data ta' l-ewwel inklużjoni fiha;

(i) ġabra fil-qosor ta' l-attivitajiet li jiġġustifikaw l-inklużjoni tal-bastiment fiha, flimkien ma' referenzi għad-dokumenti rilevanti kollha li jagħtu informazzjoni u provi dwar dawk l-attivitajiet.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u għandha tieħu kull miżura meħtieġa sabiex tiżgura l-pubbliċità tagħha, inkluż billi tqegħedha fuq is-sit web tagħha.

3. Il-Kummissjoni għandha kull tliet xhur taġġorna l-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità u għandha tipprovdi sistema awtomatika ta' notifika ta' l-aġġornamenti għall-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u kull membru tas-soċjetà ċivili li jista' jitlobha. Barra dan, il-Kummissjoni għandha tgħaddi l-lista ta' bastimenti lill-FAO u lill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd bl-għan li titkattar il-koperazzjoni bejn il-Komunità u dawn l-organizzazzjonijiet immirati li jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd IUU.

Artikolu 30

Listi ta' bastimenti IUU adottati mill-Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd

1. Barra mill-bastimenti tas-sajd imsemmija fl-Artikolu 27, il-bastimenti tas-sajd inklużi fil-listi ta' bastimenti IUU adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd għandhom ikunu inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(2). It-tneħħija ta' dawn il-bastimenti mil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità għandha tkun irregolata bid-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tagħhom mill-organizzazzjoni reġjonali rilevanti tal-ġestjoni tas-sajd.

2. Il-Kummissjoni għandha kull sena, malli tkun irċeviet il-listi ta' bastimenti preżunti u kkonfermati bħala involuti f'sajd IUU minghand organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, tinnotifikahom lill-Istati Membri.

3. Il-Kummissjoni għandha tinnotifika fil-pront lill-Istati Membri b'kull żieda, tħassir u/jew modifika fil-listi msemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu kull meta jkun hemm dawn il-bidliet. L-Artikolu 37 għandu japplika fir-rigward tal-bastimenti li jidhru fil-listi IUU ta' organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd skond kif ikunu ġew immodifikati sa dakinhar tannotifika tagħhom lill-Istati Membri.

KAPITOLU VI

PAJJIŻI TERZI LI MA JIKKOOPERAWX

Artikolu 31

Identifikazzjoni ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx

1. Il-Kummissjoni, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(2), għandha tidentifika l-pajjiżi terzi li hija tikkunsidra bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx fil-ġlieda kontra s-sajd IUU.

2. L-identifikazzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tkun ibbażata fuq l-eżami ta' kull informazzjoni miksuba konformament mal-Kapitoli II, III, IV, V, VIII, X u XI jew, kif ikun xieraq, kull informazzjoni rilevanti oħra, bħalma hija d-data dwar il-qabda, l-informazzjoni dwar il-kummerċ miksuba minn statistika nazzjonali u sorsi affidabbli oħrajn, ir-reġistri u d-databases tal-bastimenti, dokumenti ta' qabda jew programmi ta' dokumenti ta' statistika u l-listi ta' bastimenti IUU adottati minn organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd kif ukoll kull informazzjoni oħra miksuba fil-portijiet u fiż-żoni tas-sajd.

3. Pajjiż terz jista' jiġi identifikat bħala pajjiż terz li ma jikkooperax jekk dan jonqos milli jaqdi dawk li huma d-dmirijiet tiegħu skond il-liġi internazzjonali bħala Stat tal-bandiera, tal-port, kostali jew tas-suq, milli jieħu azzjoni sabiex jipprevjeni, jiskoraġġixxi jew jelimina l-attivitajiet ta' sajd IUU.

4. Għall-għanijiet tal-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha primarjament toqgħod fuq l-eżami tal-miżuri meħuda mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward ta':

(a) sajd IUU rikorrenti li jkun dokumentat b'mod idoneu bħala li jkun twettaq jew ġie appoġġat minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħha jew miċ-ċittadini tagħha, jew minn bastimenti tas-sajd li jkunu qegħdin joperaw fl-ilmijiet marittimi tagħha jew ikunu qegħdin jużaw il-portijiet tagħha, jew

(b) aċċess għas-suq tagħha minn prodotti tas-sajd li jkunu ġejjin minn sajd IUU.

5. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra:

(a) jekk il-pajjiż terz ikkonċernat jikkooperax b'mod effettiv mal-Komunità, billi jwieġeb għat-talbiet li tagħmel il-Kummissjoni sabiex jinvestiga, jipprovdi informazzjoni lura dwar jew segwitu għal sajd IUU u attivitajiet relatati;

(b) jekk il-pajjiż terz ikkonċernat ikunx ħa miżuri ta' infurzar effettivi fir-rigward ta' l-operaturi responsabbli minn sajd IUU, u b'mod partikolari jekk ġewx applikati sanzjonijiet ta' severità suffiċjenti li jċaħħdu t-trasgressuri mill-benefiċċji li jirrendi s-sajd IUU;

(ċ) l-istorja, in-natura, iċ-ċirkostanzi, id-dimensjoni u l-gravità tal-manifestazzjonijiet tas-sajd IUU li jkun qiegħed jiġi kkunsidrat;

(d) għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw, il-kapaċità eżistenti ta' l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

6. Għall-finijiet tal-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra ukoll l-elementi li ġejjin:

(a) ir-ratifika tal-pajjiżi terzi kkonċernati ta' l-istrumenti internazzjonali tas-sajd jew l-adeżjoni magħhom, u b'mod partikolari l-UNCLOS, il-Ftehim tan-NU 1995 dwar l-Istokkijiet tal-Ħut u l-Ftehim tal-FAO dwar l-Osservanza;

(b) l-istatus tal-pajjiż terz ikkonċernat bħala parti kontraenti għal organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, jew il-qbil tiegħu li japplika l-miżuri ta' konservazzjoni u ġestjoni addottati minnhom;

(ċ) kull att jew ommissjoni mill-pajjiż terz ikkonċernat li seta' naqqas l-effikaċja tal-liġijiet, ir-regolamenti jew il-miżuri internazzjonali ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli.

7. Fejn ikun xieraq, restrizzjonijiet speċifiċi ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw, b'mod partikolari fejn jidħol il-monitoraġġ, il-kontroll u s-sorveljanza ta' attivitajiet ta' sajd, għandhom ikunu kkunsidrati debitament fl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

Artikolu 32

Proċeduri politiċi fir-rigward ta' pajjiżi identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx

1. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tinnotifika lill-pajjiżi kkonċernati bil-possibbiltà li jiġu identifikati bħala pajjiżi terzi li ma jikkooperawx skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 31. Għandha tinkludi f'din in-notifika, l-informazzjoni li ġejja:

(a) ir-raġuni jew ir-raġunijiet għall-identifikazzjoni b'kull prova ta' konferma disponibbli;

(b) l-opportunità ta' tweġiba bil-miktub lill-Kummissjoni fir-rigward tad-deċiżjoni ta' l-identifikazzjoni u informazzjoni rilevanti oħra, per eżempju, provi li jirribattu l-identifikazzjoni jew, fejn xieraq, pjan ta' azzjoni għal titjib u l-miżuri li ttieħdu sabiex tiġi rrettifikata s-sitwazzjoni;

(ċ) id-dritt li tintalab, jew li tiġi pprovduta, informazzjoni addizzjonali;

(d) il-konsegwenzi ta' l-identifikazzjoni tagħhom bħala pajjiż terz li ma jikkooperax, kif previst fl-Artikolu 38.

2. Il-Kummissjoni għandha tinkludi wkoll fin-notifika msemmija fil-paragrafu 1 talba sabiex il-pajjiż terz ikkonċernat jieħu kull miżura meħtieġa għall-waqfien ta' l-attivitajiet ta' sajd IUU msemmija u l-prevenzjoni ta' kull attività futura bħal din, u jirrettifika kull att jew ommissjoni msemmija fl-Artikolu 31(6)(c).

3. Il-Kummissjoni għandha, b'aktar minn mezz ta' komunikazzjoni wieħed, tittrażmetti n-notifika u t-talba tagħha lill-pajjiż terz ikkonċernat. Il-Kummissjoni għandha tfittex li tikseb konferma minn dak il-pajjiż li jkun irċieva n-notifika.

4. Il-Kummissjoni għandha tagħti lill-pajjiż terz ikkonċernat biżżejjed żmien sabiex iwieġeb in-notifika u perijodu raġonevoli sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni.

Artikolu 33

Stabbiliment ta' lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jiddeċiedi fuq il-lista tal-pajjiżi terzi li ma jikkooperawx.

2. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tinnotifika lill-pajjiż terz ikkonċernat bl-identifikazzjoni tiegħu bħala pajjiż terz li ma jikkooperax u bil-miżuri applikati skond l-Artikolu 38, u għandha titolbu sabiex jirrettifika s-sitwazzjoni attwali u javżaha dwar il-miżuri li ttieħdu sabiex tkun żgurata l-osservanza tal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni mill-bastimenti tas-sajd tiegħu.

3. B'segwitu għad-deċiżjoni meħuda skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tinnotifikha lill-Istati Membri u għandha titlobhom jiżguraw l-implimentazzjoni immedjata tal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 38. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni b'kull miżura li jkunu ħadu b'reazzjoni għal din it-talba.

Artikolu 34

Tneħħija mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx

1. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, għandu jneħħi pajjiż terz mil-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx jekk il-pajjiż terz ikkonċernat juri li s-sitwazzjoni li tat lok għall-elenkar tiegħu tkun ġiet irrettifikata. Deċiżjoni għat-tneħħija għandha tikkunsidra wkoll jekk il-pajjiżi terzi identifikati kkonċernati ħadux miżuri konkreti li jkunu jistgħu jiksbu titjib dejjiemi tas-sitwazzjoni.

2. Wara deċiżjoni meħuda skond il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha, minghajr dewmien, tinnotifika lill-Istati Membri dwar it-tneħħija tal-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 38 fir-rigward tal-pajjiż terz ikkonċernat.

Artikolu 35

Pubbliċità tal-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* u għandha tieħu kull miżura meħtieġa sabiex tiżgura l-pubbliċità ta' din il-lista, inkluż billi tqegħedha fuq is-sit web tagħha. Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-lista regolarment għandha tipprovdi sistema li awtomatikament tgħarraf l-aġġornamenti lill-Istati Membri, l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd u kull membru tas-soċjetà ċivili li jista' jitlobha. Barra dan, il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-lista ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx lill-FAO u lill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd bl-iskop li titkattar il-koperazzjoni bejn il-Komunità u dawn l-organizzazzjonijiet immirati li jipprevjenu, jiskoraġġixxu u jeliminaw is-sajd IUU.

Artikolu 36

Miżuri ta' emerġenza

1. Jekk ikun hemm provi li l-miżuri adottati minn xi pajjiż terz ikunu qed jimminaw il-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati minn organizzazzjoni reġjonali għall-ġestjoni tas-sajd, il-Kummissjoni għandha tkun intitolata li tadotta, f'konformità ma' l-obbligi internazzjonali tagħha, miżuri ta' emerġenza għal mhux aktar minn sitt xhur. Il-Kummissjoni tista' tieħu deċiżjoni ġdida sabiex testendi l-miżuri ta' emerġenza għal mhux aktar minn sitt xhur.

2. Il-miżuri ta' emerġenza imsemmija fil-paragrafu 1 jistgħu jinkludu, fost oħrajn, li:

(a) bastimenti tas-sajd awtorizzati li jistadu u li jtajru l-bandiera tal-pajjiż terz ikkonċernat m'għandhomx jingħataw aċċess għall-portijiet ta' l-Istati Membri, ħlief f'każ ta' forza maġġuri jew diffikultà kif imsemmi fl-Artikolu 4(2) għal servizzi strettament neċessarji sabiex jiġu rimedjati dawk is-sitwazzjonijiet;

(b) bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru m'għandhomx jitħallew jkunu involuti f'operazzjonijiet konġunti tas-sajd ma' bastimenti li jtajru l-bandiera tal-pajjiż terz ikkonċernat;

(ċ) bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru m'għandhomx jiġu awtorizzati jistadu f'ilmijiet marittimi taħt il-ġurisdizzjoni tal-pajjiż terz ikkonċernat, minghajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-ftehim bilaterali dwar is-sajd;

(d) il-provvista ta' ħut ħaj għall-akkwakultura fl-ilmijiet marittimi taħt il-ġurisdizzjoni tal-pajjiż terz ikkonċernat m'għandux ikun awtorizzat;

(e) il-ħut ħaj maqbud minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tal-pajjiż terz ikkonċernat m'għandhomx ikunu aċċettati għall-iskop ta' l-akkwakultura fl-ilmijiet marittimi taħt il-ġurisdizzjoni ta' Stat Membru.

3. Miżuri ta' emerġenza għandu jkollhom effett immedjat. Dawn għandhom jiġu nnotifikati lill-Istati Membri u lill-pajjiż terz ikkonċernat u ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

4. L-Istati Membri kkonċernati jistgħu jirreferu d-deċiżjoni tal-Kummissjoni stabbilita fil-paragrafu 1 lill-Kunsill fi żmien 10 ijiem ta' xogħol minn meta jirċievu n-notifika.

5. Il-Kunsill, filwaqt li jaġixxi bil-maġġoranza kwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fi żmien xahar mid-data minn meta jkun irċieva r-riferiment.

KAPITOLU VII

MIŻURI FIR-RIGWARD TA' BASTIMENTI TAS-SAJD U STATI INVOLUTI F'SAJD IUU

Artikolu 37

Azzjoni fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità

Il-miżuri li ġejjin għandhom japplikaw għall-bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità ("bastimenti tas-sajd IUU"):

(1) l-Istati Membri tal-bandiera m'għandhomx jippreżentaw talbiet lill-Kummissjoni għal awtorizzazzjonijiet għal sajd fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd IUU;

(2) l-awtorizzazzjonijiet għas-sajd kurrenti jew il-permessi speċjali għas-sajd maħruġin mill-Istati Membri tal-bandiera fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd IUU għandhom jiġu rtirati;

(3) bastimenti tas-sajd IUU li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz m'għandhomx ikunu awtorizzati li jistadu fl-ilmijiet Komunitarji u għandhom ikunu pprojbiti li jinkrew;

(4) bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru m'għandhom bl-ebda mod jassistu, ikunu involutui f'operazzjonijiet ta' pproċessar ta' ħut jew jipparteċipaw f'xi trasbord jew operazzjonijiet konġunti tas-sajd ma' bastimenti tas-sajd IUU;

(5) bastimenti tas-sajd IUU li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru għandhom ikunu awtorizzati biss li jidħlu fil-portijiet fejn ikunu stazzjonati u f'ebda port Komunitarju ieħor, ħlief f'każ ta' xi forza maġġuri jew diffikultà. Bastimenti tas-sajd IUU li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz ma jkunux awtorizzati jidħlu f'port ta' Stat Membru, ħlief f'każ ta' xi forza maġġuri jew diffikultà. Alternattivament, Stat Membru jista' jawtorizza d-dħul fil-portijiet tiegħu ta' bastiment tas-sajd IUU bil-kundizzjoni li l-qabdiet tal-ħut abbord u, fejn xieraq, it-tagħmir tas-sajd ipprojbit f'konformità mal-miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni adottati minn organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-Ssajd, jiġu kkonfiskati. L-Istati Membri għandhom jikkonfiskaw ukoll qabdiet ta' ħut u, fejn xieraq, it-tagħmir tas-sajd ipprojbit skond dawk il-miżuri, abbord bastimenti tas-sajd IUU li jkunu ġew awtorizzati jidħlu fil-portijiet tagħhom għal raġuni ta' xi forza maġġuri jew diffikultà;

(6) bastimenti tas-sajd IUU li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz m'għandhomx jiġu fornuti bi provvisti, fjuwil jew servizzi oħrajn fil-portijiet, ħlief f'każ ta' xi forza maġġuri jew diffikultà;

(7) bastimenti tas-sajd IUU li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz m'għandhomx ikunu awtorizzati li jibdlu l-ekwipaġġ, ħlief jekk dan ikun neċessarju f'każ ta' xi forza maġġuri jew diffikultà;

(8) l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw li jagħtu l-bandiera tagħhom lil bastimenti tas-sajd IUU;

(9) l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd maqbuda minn tali bastimenti tas-sajd IUU għandha tkun ipprojbita, u minħabba f'hekk iċ-ċertifikati tal-qabda li jakkumpanjaw dawn il-prodotti m'għandhomx jiġu aċċettati jew validati;

(10) l-esportazzjoni u r-riesportazzjoni ta' prodotti tas-sajd minn bastimenti tas-sajd IUU għall-ipproċessar għandhom ikunu pprojbiti;

(11) bastimenti tas-sajd IUU li m'għandhomx ħut jew persunal abbord għandhom ikunu awtorizzati li jidħlu l-port sabiex isiru ruttam, iżda mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe prosekuzzjoni jew sanzjoni imposta kontra dak il-bastiment u kwalunkwe persuna ġuridika jew fiżika kkonċernata.

Artikolu 38

Azzjoni fir-rigward ta' pajjiżi terzi li ma jikkooperawx

Il-miżuri li ġejjin għandhom japplikaw għall-pajjiżi terzi li ma jikkooperawx:

(1) l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti tas-sajd maqbuda minn bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' tali pajjiżi għandha tkun projbita, u għaldaqstant iċ-ċertifikati dwar il-qabdiet li jakkumpanjaw tali prodotti m'għandhomx jiġu aċċettati. Fl-eventwalità li l-identifikazzjoni ta' pajjiż terz li ma jikkooperax konformament ma' l-Artikolu 31 tkun iġġustifikata min-nuqqas ta' miżuri xierqa adottati minn dan il-pajjiż terz fir-rigward ta' sajd IUU li jaffettwaw stokk jew speċi partikolari, il-projbizzjoni ta' l-importazzjoni tista' tiġi applikata biss fir-rigward ta' dan l-istokk jew speċi;

(2) ix-xiri minn operaturi Komunitarji ta' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' dawn il-pajjiżi għandu jkun ipprojbit;

(3) l-għoti ta' bandiera ġdida lil bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' Stat Membru li tali pajjiżi għandu jkun ipprojbit;

(4) l-Istati Membri m'għandhomx jawtorizzaw il-konklużjoni ta' ftehim ta' kiri ta' bastimenti ma' dawn il-pajjiżi għal bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom;

(5) l-esportazzjoni ta' bastimenti tas-sajd Komunitarji lil dawn il-pajjiżi għandha tkun ipprojbita;

(6) ftehim kummerċjali privati bejn ċittadini ta' Stat Membru u dawn il-pajjiżi sabiex bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' dak l-Istat Membru jagħmel użu mill-possibbiltajiet ta' sajd ta' dawn il-pajjiżi għandu jkun ipprojbit;

(7) operazzjonijiet konġunti ta' sajd li jinvolvu bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru ma' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera ta' dawn il-pajjiżi għandhom ikunu pprojbiti;

(8) il-Kummissjoni għandha tipproponi d-denunzja ta' kull ftehim ta' sajd bilaterali eżistenti jew ftehim ta' sħubija ta' sajd ma' tali pajjiżi li jipprevedi t-terminazzjoni tal-ftehim fil-każ ta' nuqqas ta' konformità ma' l-impenji magħmula minnhom fir-rigward tal-ġlieda kontra s-sajd IUU;

(9) il-Kummissjoni m'għandhiex tidħol f'negozjati sabiex tikkonkludi xi ftehim bilaterali ta' sajd jew ftehim ta' sħubija ta' sajd ma' dawn il-pajjiżi.

KAPITOLU VIII

ĊITTADINI

Artikolu 39

Ċittadini li jappoġġaw jew huma involuti f'sajd IUU

1. Ċittadini soġġetti għall-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri ("ċittadini") ma għandhom la jappoġġaw u lanqas ikunu involuti f'sajd IUU, inkluż billi jkunu involuti abbord jew bħala operaturi jew sidien benefiċjarji ta' bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità.

2. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja ta' l-Istat tal-bandiera, l-Istati Membri għandhom jikkooperaw bejniethom u ma' pajjiżi terzi u għandhom jieħdu l-miżuri kollha adatti, skond il-liġi nazzjonali u Komunitarja, sabiex jidentifikaw ċittadini li jappoġġaw jew li huma involuti f'sajd IUU.

3. Mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà primarja ta' l-Istat tal-bandiera, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa, skondu f'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti applikabbli tagħhom, fir-rigward ta' ċittadini identifikati li jappoġġaw jew li huma involuti f'sajd IUU.

4. Kull wieħed mill-Istati Membri għandu jinnotifika lill-Kummissjoni l-ismijiet ta' l-awtoritajiet kompetenti responsabbli mill-koordinazzjoni tal-ġbir u l-verifika ta' l-informazzjoni dwar attivitajiet taċ-ċittadini msemmija f'dan il-Kapitolu u mir-rapportar lill-Kummissjoni u l-koperazzjoni magħha.

Artikolu 40

Prevenzjoni u sanzjonijiet

1. L-Istat Membri għandhom jinkoraġġixxu liċ-ċittadini jinnotifikaw kull informazzjoni li tkun tikkonċerna interessi legali, benefiċjali jew finanzjarji f'bastimenti fi jew il-kontroll ta', bastimenti tas-sajd b'bandiera ta' pajjiż terz li huma għandhom u bl-ismijiet tal-bastimenti kkonċernati.

2. Iċ-ċittadini m'għandhom ibiegħu jew jesportaw ebda bastiment tas-sajd lil operaturi li jkunu involuti fl-operazzjoni, it-tmexxija jew il-proprjeta' ta' bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità.

3. Mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra stabbiliti fil-liġi Komunitarja li jikkonċernaw il-fondi pubbliċi, l-Istati Membri m'għandhom jagħtu ebda għajnuna pubblika taħt l-iskemi ta' għajnuna nazzjonali jew minn fondi Komunitarji lill-operaturi li jkunu involuti fl-operazzjoni, it-tmexxija jew il-proprjeta' tal-bastimenti tas-sajd inklużi fil-lista ta' bastimenti IUU tal-Komunità.

4. L-Istati Membri għandhom jistinkaw sabiex jiksbu informazzjoni dwar l-eżistenza ta' xi arranġament bejn iċ-ċittadini u pajjiż terz li jkun jippermetti l-għoti ta' bandiera ġdida fir-rigward ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom għal dan il-pajjiż terz. Dawn għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan billi jibagħtu lista tal-bastimenti tas-sajd ikkonċernati.

KAPITOLU IX

MIŻURI IMMEDJATI TA' INFURZAR, SANZJONIJIET U SANZJONIJIET KOMPLEMENTARI

Artikolu 41

Kamp ta' applikazzjoni

Dan il-Kapitolu għandu japplika fir-rigward ta':

(1) ksur serju mwettaq fit-territorju ta' Stat Membru li għalih japplika t-Trattat, jew fl-ilmijiet marittimi taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri, bl-eċċezzjoni ta' ilmijiet adjaċenti mat-territorji u l-pajjiżi msemmijin fl-Anness II tat-Trattat;

(2) ksur serju mwettaq, minn bastimenti tas-sajd Komunitarji jew ċittadini ta' l-Istati Membri;

(3) ksur serju osservat fit-territorju jew fl-ilmijiet kif imsemmija fil-punt 1 ta' dan l-Artikolu iżda li ġie kommess fl-ibħra internazzjonali jew fil-ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz u li qed jiġi sanzjonat skond l-Artikolu 11(4).

Artikolu 42

Ksur serju

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ksur serju tfisser:

(a) l-attivitajiet ikkunsidrati li jikkostitwixxu sajd IUU skond il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3;

(b) it-twettiq ta' negozju konness direttament ma' sajd IUU, inkluż il-kummerċ fi jew l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd;

(ċ) l-iffalsifikar ta' dokumenti msemmija f'dan ir-Regolament jew l-użu ta' tali dokumenti foloz jew invalidi;

2. Il-karattru serju tal-ksur għandu jiġi determinat mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru, b'kont meħud tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 3(2).

Artikolu 43

Miżuri immedjati ta' infurzar

1. Fejn persuna fiżika tkun issuspettata li tkun kkommettiet jew tinqabad waqt il-fatt meta tkun qed tikkommetti xi ksur serju jew persuna ġuridika tkun issusspettata li tkun qiegħda tiżamm responsabbli għal tali ksur, l-Istati Membri għandhom jagħtu bidu għal investigazzjoni sħiħa tal-ksur u, f'konformità mal-liġi nazzjonali tagħhom u skond il-gravità tal-ksur, jieħdu miżuri immedjati ta' infurzar bħalma huma b'mod partikolari:

(a) il-waqfien immedjat ta' l-attivitajiet ta' sajd;

(b) ir-rotta lura lejn il-port tal-bastiment tas-sajd;

(ċ) ir-rotta lejn post ieħor ta' l-inġenju tat-trasport għal spezzjoni;

(d) l-ordni għal garanzija;

(e) il-konfiska tat-tagħmir tas-sajd, qabdiet ta' ħut jew prodotti ta' ħut;

(f) l-immobilizzazzjoni temporanja tal-bastiment tas-sajd jew ta' l-inġenju tat-trasport ikkonċernat;

(g) is-sospensjoni ta' l-awtorizzazzjoni għas-sajd.

2. Il-miżuri ta' infurzar għandhom ikunu ta' natura li jipprevjenu l-kontinwazzjoni tal-ksur ikkonċernaty u li jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti li jġibu fi tmiemha l-investigazzjoni.

Artikolu 44

Sanzjonijiet għal ksur serju

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuna fiżika li tkun kkommettiet ksur serju jew li għalih persuna ġuridika tkun inżammet responsabbli tkun punibbli b'sanzjonijiet amministrattivi effettivi, proporzjonati u dissważivi.

2. L-Istati Membri għandhom jimponu sanzjoni massima ta' mill-inqas ħames darbiet il-valur tal-prodotti tas-sajd miksuba bit-twettiq tal-ksur serju.

F'każ ta' ksur serju ripetut, matul perijodu ta' 5 snin, l-Istati Membri għandhom jimponu sanzjoni massima ta' mill-inqas tmien darbiet il-valur tal-prodotti tas-sajd miksuba bit-twettiq tal-ksur serju.

Fl-applikazzjoni ta' dawn is-sanzjonijiet l-Istati Membri għandhom jieħdu kont ukoll tal-valur tal-preġudizzju għar-riżorsi tas-sajd u l-ambjent tal-baħar ikkonċernati.

3. L-Istati Membri jistgħu ukoll jew b'mod alternattiv jużaw sanzjonijiet kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi.

Artikolu 45

Sanzjonijiet komplementari

Is-sanzjonijiet previsti f'dan il-Kapitolu jistgħu jkunu kkomplementati b'sanzjonijiet u miżuri oħrajn, b'mod partikolari:

(1) is-sekwestru tal-bastiment tas-sajd involut fil-ksur;

(2) l-immobilizzazzjoni temporanja tal-bastiment tas-sajd;

(3) il-konfiska tat-tagħmir tas-sajd, il-qabdiet ta' ħut, il-prodotti tas-sajd pprojbiti;

(4) is-sospensjoni jew l-irtirar ta' l-awtorizzazzjoni għas-sajd;

(5) it-tnaqqis fid-drittijiet tas-sajd jew l-irtirar tagħhom;

(6) l-esklużjoni temporanja jew permanenti mid-dritt għall-ksib ta' drittijiet tas-sajd ġodda;

(7) it-twaqqif temporanju jew permanenti ta' l-aċċess għal assistenza pubblika jew sussidji pubbliċi.

(8) is-sospensjoni jew l-irtirar ta' l-istatus ta' operatur ekonomiku approvat mogħti skond l-Artikolu 16(3).

Artikolu 46

Livell ġenerali ta' sanzjonijiet u sanzjonijiet komplementari

Il-livell ġenerali ta' sanzjonijiet u sanzjonijiet komplementari għandu jiġi kkalkulat b'tali mod li tkun aċċertata ċ-ċaħda b'mod effettiv lil dawk responsabbli mill-benefiċċji ekonomiċi miksuba mill-ksur serju tagħhom mingħajr preġudizzju għad-dritt leġittimu li wieħed jeżerċita professjoni. Għal dan il-għan, għandhom jitqiesu wkoll il-miżuri ta' infurzar immedjati li jkunu ttieħdu skond l-Artikolu 43.

Artikolu 47

Responsabbiltà ta' persuni ġuridiċi

1. Il-persuni ġuridiċi għandhom jinżammu responsabbli għal ksur serju fejn dan il-ksur ikun twettaq għall-benefiċċju tagħhom minn kwalunkwe persuna fiżika, li tkun aġixxiet waħeda jew bħala parti minn organu tal-persuna ġuridika, u li kellha pożizzjoni determinanti fi ħdan il-persuna ġuridika, abażi ta':

(a) setgħa ta' rappreżentanza tal-persuna ġuridika, jew

(b) awtorità li tieħu deċiżjonijiet f'isem il-persuna ġuridika, jew

(ċ) awtorità li teżerċita kontroll fi ħdan il-persuna ġuridika.

2. Persuna ġuridika tista' tinżamm responsabbli fejn in-nuqqas ta' sorveljanza jew ta' kontroll, minn persuna fiżika msemmija fil-paragrafu 1, ikun għamel possibli it-twettiq ta' ksur serju għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ġuridika minn persuna fiżika li taqa' taħt l-awtorità tagħha.

3. Ir-responsabbiltà ta' persuna ġuridika m'għandhiex teskludi proċedimenti kontra persuni fiżiċi meta jkunu l-awturi, l-instigaturi jew il-kompliċi fil-ksur ikkonċernati.

KAPITOLU X

IMPLIMENTAZZJONI TAD-DISPOŻIZZJONIJIET ADOTTATI F'ĊERTI ORGANIZZAZZJONIJIET REĠJONALI TAL-ĠESTJONI TAS-SAJD LI JIKKONĊERNAW LEMĦ TA' BASTIMENTI TAS-SAJD

Artikolu 48

Lemħ fuq il-baħar

1. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu għandhom japplikaw għall-attivitajiet ta' sajd li jkunu soġġetti għar-regoli dwar il-lemħ fuq il-baħar adottati f'organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd, li jorbtu lill-Komunità.

2. Fl-eventwalità li awtorità kompetenti ta' Stat Membru responsabbli mill-ispezzjonar fuq il-baħar tilmaħ bastiment tas-sajd involut f'attivitajiet li jistgħu jkunu kkunsidrati bħala sajd IUU, din għandha minnufih toħroġ rapport ta' dan il-lemħ. Tali rapport u r-riżultati ta' l-investigazzjonijiet li jsiru fuq dak il-bastiment tas-sajd mill-Istat Membru għandhom jiġu kkunsidrati bħala provi għall-użu fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmi ta' identifikazzjoni u infurzar previsti f'dan ir-Regolament.

3. Fl-eventwalità li l-kaptan ta' bastiment tas-sajd Komunitarju jew ta' pajjiż terz jilmaħ bastiment tas-sajd involut fl-attivitajiet imsemmijin fil-paragrafu 2, il-kaptan jista' jiddokumenta l-informazzjoni kollha possibbli dwar dan il-lemħ, per eżempju:

(a) l-isem u d-deskrizzjoni tal-bastiment tas-sajd;

(b) is-sinjal tas-sejħa tal-bastiment tas-sajd;

(ċ) in-numru ta' reġistrazzjoni u, skond il-każ, in-numru ta' Lloyds IMO tal-bastiment tas-sajd;

(d) l-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd;

(e) il-pożizzjoni (latitudni, lonġitudni) fil-ħin li jkun ġie identifikat l-ewwel darba;

(f) id-data/il-ħin UTC meta jkun ġie identifikat l-ewwel darba;

(g) ritratt jew ritratti tal-bastiment tas-sajd bħala prova tal-lemħ;

(h) kull informazzjoni rilevanti oħra rigward l-attivitajiet osservati tal-bastiment tas-sajd ikkonċernat.

4. Ir-rapporti tal-lemħ għandhom jintbagħtu mingħajr dewmien lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd tal-lemħ, li għandu jittrażmettihom malajr kemm jista' jkun lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha. Il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha mbagħad għandu jinforma immedjatament lill-Istat tal-bandiera tal-bastiment tas-sajd milmuħ. Il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha għandu sewwasew wara jittrażmetti r-rapport tal-lemħ lill-Istati Membri kollha u, kif xieraq, lis-Segretarju Eżekuttiv ta' l-organizzazzjonijiet reġjonali rilevanti tal-ġestjoni tas-sajd għal azzjoni ulterjuri skond il-miżuri adottati minn dawk l-organizzazzjonijiet.

5. Stat Membru li jirċieva rapport ta' lemħ dwar l-attivitajiet ta' bastiment tas-sajd li jtajjar il-bandiera tiegħu mill-awtorità kompetenti ta' parti kontraenti ta' organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd għandu jinnotifika ir-rapport u l-informazzjoni rilevanti kollha malajr kemm jista' jkun lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha, li għandu sewwasew wara jgħaddi din l-informazzjoni lis-Segretarju Eżekuttiv ta' l-organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd ikkonċernata għal azzjoni ulterjuri skond il-miżuri adottati minn din l-organizzazzjoni, kif xieraq.

6. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet aktar stretti adottati mill-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li magħhom il-Komunità hija parti kontraenti.

Artikolu 49

Preżentazzjoni ta' informazzjoni rigward bastimenti tas-sajd milmuħa

1. Stati Membri li jiksbu informazzjoni dokumentata b'mod adatt rigward bastimenti tas-sajd milmuħa għandhom jittrażmettu din l-informazzjoni mingħajr dewmien lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha fil-format iddeterminat skond il-proċedura imsemmija fl-Artikolu 54(2).

2. Il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha għandu jeżamina wkoll informazzjoni dokumentata b'mod adatt rigward bastimenti tas-sajd milmuħa li tkun ġiet ippreżentata minn ċittadini, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet ambjentali, kif ukoll rappreżentanti ta' l-interessi tal-partijiet interessati fis-sajd jew il-kummerċ tal-ħut.

Artikolu 50

Investigazzjoni ta' bastimenti tas-sajd milmuħa

1. L-Istati Membri għandhom, malajr kemm jista' jkun, jibdew investigazzjoni dwar l-attivitajiet ta' bastimenti tas-sajd li jtajru l-bandiera tagħhom li jkunu ntlemħu skond l-Artikolu 49.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw fejn possibbli permezz ta' mezzi elettroniċi lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha bid-dettalji tal-bidu ta' investigazzjoni jew ta' kwalunkwe azzjoni li tittieħed jew intenzjonata fir-rigward tal-bastimenti tas-sajd milmuħa li jtajru l-bandiera tagħhom, malli jkun prattikabbli u fi kwalunkwe il-każ fi żmien xahrejn minnotifika tar-rapport tal-lemħ skond l-Artikolu 48(4). Rapporti dwar il-progress ta' l-investigazzjonijiet dwar l-attivitajiet tal-bastiment tas-sajd milmuħ għandhom jiġu pprovduti lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha f'intervalli regolari xierqa. Rapport finali dwar l-eżitu meta jintemmu l-investigazzjonijiet għandu jiġi pprovdut lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha.

3. L-Istati Membri l-oħrajn għajr l-Istat Membru tal-bandiera kkonċernat għandhom, fejn xieraq, jivverifikaw jekk il-bastimenti tas-sajd milmuħa li jkunu ġew rrapportati jkunux wettqu attivitajiet fl-ilmijiet marittimi taħt il-ġurisdizzjoni tagħhom jew jekk il-prodotti tas-sajd li jkunu ġejjin minn dawk il-bastimenti kinux żbarkati jew importati fit-territorju tagħhom u għandhom jinvestigaw ir-rekord tal-konformità tagħhom mal-miżuri rilevanti ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw mingħajr dewmien lill-Kummissjoni jew lill-korp maħtur minnha, u lill-Istat Membru tal-bandiera kkonċernat bl-eżitu tal-verifiki u l-investigazzjonijiet tagħhom.

4. Il-Kummissjoni jew il-korp maħtur minnha għandu jikkomunikalill-Istati Membri kollha bl-informazzjoni li jkun irċieva skond il-paragrafi 2 u 3.

5. Dan l-Artikolu għandu japplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu V tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002 u għad-dispożizzjonijiet adottati minn organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd li magħhom il-Komunità hija parti kontraenti.

KAPITOLU XI

ASSISTENZA REĊIPROKA

Artikolu 51

Assistenza Reċiproka

1. L-awtoritajiet amministrattivi responsabbli mill-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament fl-Istati Membri għandhom jikkooperaw ma' xulxin, ma' l-awtoritajiet amministrattivi ta' pajjiżi terzi u mal-Kummissjoni bl-intenzjoni li tiġi żgurata l-osservanza ta' dan ir-Regolament.

2. Għall-għanijiet tal-paragrafu 1, għandha tiġi stabbilita sistema ta' assistenza reċiproka, li tkun tinkludi sistema awtomatika ta' l-informazzjoni, is-"sistema ta' informazzjoni dwar sajd IUU", li għandha tkun ġestita mill-Kummissjoni jew minn korp maħtur minnha, sabiex tassisti l-awtoritajiet kompetenti fil-prevenzjoni, l-investigar u l-prosekuzzjoni tas-sajd IUU.

3. Ir-regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(2).

KAPITOLU XII

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 52

Implimentazzjoni

Il-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu adottati skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 54(2).

Artikolu 53

Appoġġ finanzjarju

L-Istati Membri jistgħu jeħtieġu li l-operaturi kkonċernati jikkontribwixxu għall-ispejjeż marbutin ma' l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 54

Proċedura tal-Kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat stabbilit taħt l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 2371/2002.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahar.

Artikolu 55

Obbligi ta' rapportar

1. Kull sentejn, l-Istati Membri għandhom jittrażmettu rapport lill-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament mhux aktar tard mit-30 ta' April tas-sena kalendarja ta' wara.

2. Abbażi tar-rapporti ppreżentati mill-Istati Membri u l-osservazzjonijiet tagħha stess, il-Kummissjoni għandha tfassal rapport kull tliet snin sabiex jiġi ppreżentat lill–Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

3. Għandha ssir valutazzjoni ta' l-impatt mill-Kummissjoni ta' dan ir-Regolament fuq is-sajd IUU sad-29 ta' Ottubru 2013.

Artikolu 56

Thassir

L-Artikoli 28b(2), 28e, 28f, 28 g u l-Artikolu 31(2)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 2847/93, ir-Regolament (KE) Nru 1093/1994, ir-Regolament (KE) Nru 1447/1999, l-Artikoli 8, 19a, 19b, 19c, 21, 21b, 21c tar-Regolament (KE) Nru 1936/2001 u l-Artikoli 26a, 28, 29, 30 u 31 tar-Regolament (KE) Nru 601/2004 għandhom jithassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2010.

Ir-referenzi għar-Regolamenti mhassra għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

Artikolu 57

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2010.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 29 ta' Settembru 2008.

Għall-Kunsill

Il-President

M. BARNIER

ANNESS I

Lista ta' prodotti esklużi mid-definizzjoni ta' "prodotti tas-sajd" fil-punt 8 ta' l-Artikolu 2

— Prodotti tas-sajd ta' l-ilma ħelu

— Prodotti ta' l-akkwakultura miksubin minn ħut żgħir jew larvi

— Ħut ornamentali

— Gajdri, ħajjin

— Arzell, inklużi mrewħa (queen scallops) tal-ġeneri *Pecten, Chlamys jew Placopecten*, ħaj, friski jew imkessħin

— Pellegrini (*Pecten maximus*), iffriżati

— Arzell ieħor, frisk jew imkessaħ

— Maskli

— Bebbux, minbarra dak miksub mill-baħar

— Molluski ppreparati u ppreżervati

ANNESS II

Ċertifikat tal-Qabda u Ċertifikat ta' Riesportazzjoni tal-Komunità Ewropea

(i) ĊERTIFIKAT TAL-QABDA TAL-KOMUNITÀ EWROPEA							
Numru tad-dokument			**Awtorità ta' Validazzjoni**				
1. Isem	**Indirizz**			**Tel..** **Fax**			
2. Isem il-Bastiment tas-Sajd	**Bandiera – Port ta' l-Istazzjonar u Numru ta' Reġistrazzjoni**			**Sinjal tas-Sejħa**	**Numru ta' l-IMO/Lloyd's** (jekk maħruġ)		
Nru tal-liċenzja tas-sajd – Valida sa	**Nru Inmarsat. Nru tat-Telefax. Nru tat-Telefon. Indirizz elettroniku** (jekk maħruġ)						
3. Deskrizzjoni tal-Prodott	**Tip ta' pproċessar awtorizzat abbord:**		**4. Referenzi ta' miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni applikabbli**				
Speċi	**Kodiċi tal-prodott**	**Dati u żon(a/i) tal-qabda**	**Piż stmat ħaj (kg)**	**Piż stmat għall-iżbark (kg)**	**Piż Żbarkat Ivverifikat (kg)** fejn adatt		
5. Isem tal-kaptan tal-bastiment – Firma – Siġillu:							
6. Dikjarazzjoni tat-Trasbord fuq il-Baħar Isem il-Kaptan tal-Bastiment tas-sajd			**Firma u Data**	**Trasbord Data/Żona/ Pożizzjoni**	**Piż stmat (kg)**		
Kaptan tal-Bastiment Riċevitur	**Firma**	**Isem il-Bastiment**		**Sinjal tas-Sejħa**	**Numru ta' l-IMO/Lloyd's** (jekk maħruġ)		
7. Awtorizzazzjoni għat-trasbord f'Żona ta' Port:							
Isem	**Awtorità**	**Firma**	**Indirizz**	**Tel..**	**Port ta' l-Iżbark**	**Data ta' l-Iżbark**	**Siġill (Timbru)**
8. Isem u indirizz ta' l-Esportatur	**Firma**		**Data**		**Siġill**		
9. Validazzjoni ta' l-Awtorità ta' l-Istat tal-Bandiera:							
Isem/Titlu	**Firma**		**Data**	**Siġill (Timbru)**			

10. Dettalji tat-trasport: *Ara Appendiċi I*					
11. Dikjarazzjoni ta' l-Importatur:					
Isem u indirizz ta' l-importatur	**Firma**	**Data**		**Siġill**	**Kodiċi NM tal-prodott**
Dokumenti skond l-Artikoli 14(1),(2) tar-Regolament (KE) Nru…/…(*)	**Referenzi**				

12. Kontroll fuq l-importazzjoni: Awtorità	**Post**	**Importazzjoni awtorizzata (*)**	**Importazzjoni sospiża (*)**	**Verifika mitluba – data**
Dikjarazzjoni tad-dwana (jekk maħruġa)	**Numru**		**Data**	**Post**

(*) Indika kif adatt.

(ii) ĊERTIFIKAT TA' RIESPORTAZZJONI TAL-KOMUNITÀ EWROPEA			
Numru taċ-Ċertifikat	**Data**	**Stat Membru**	
1. Deskrizzjoni tal-prodott riesportat:	**Piż (kg)**		
Speċi	**Kodiċi tal-prodott**	**Bilanċ mill-kwantità totali ddikjarata fiċ-ċertifikat tal-qabda**	
2. Isem tar-riesportatur	**Indirizz**	**Firma**	**Data**
3. Awtorità			
Isem/Titlu	**Firma**	**Data**	**Siġill/Timbru**
4. Kontroll fuq ir-riesportazzjoni			
Post:	**Riesportazzjoni awtorizzata (*)**	**Verifika mitluba (*)**	**Dikjarazzjoni ta' riesportazzjoni numru u data**
(*) Indika kif adatt.			

Appendiċi

Dettalji tat-trasport

1. Pajjiż ta' l-esportazzjoni **Port/ajruport/post ieħor tat-tluq**	**2. Firma ta' l-Esportatur:**			
L-isem u l-bandiera tal-bastiment **Numru tat-titjira/numru tal-fattura tal-passaġġ bl-ajru** **Nazzjonalità tat-trakk u numru ta' reġistrazzjoni** **Numru tal-fattura tal-passaġġ bil-ferrovija** **Dokument ieħor ta' trasport:**	**Numru/i tal-kontejner(s):** **lista mehmuża**	**Isem**	**Indirizz**	**Firma**

ANNESS III

Notifiki ta' l-Istat tal-Bandiera

1. Il-kontenut tan-notifiki ta' l-Istati tal-bandiera skond l-Artikolu 20

Il-Kummissjoni għandha titlob lill-Istati tal-bandiera sabiex jinnotifikaw l-ismijiet, l-indirizzi u l-marki tas-siġill uffiċjali ta' l-awtoritajiet pubbliċi li jkunu jinsabu fit-territorju tagħhom li jkollhom is-setgħa li:

(a) jirreġistraw bastimenti tas-sajd taħt il-bandiera tagħhom;

(b) jagħtu, jissospendu u jirtiraw liċenzji tas-sajd lill-bastimenti tas-sajd tagħhom;

(ċ) jaffermaw il-veraċità ta' l-informazzjoni pprovduta fiċ-ċertifikati tal-qabda msemmija fl-Artikolu 13 u jivvalidaw dawn iċ-ċertifikati;

(d) jimplimentaw, jikkontrollaw u jinfurzaw liġijiet, regolamenti u miżuri ta' konservazzjoni u ta' ġestjoni li jridu jiġu osservati mill-bastimenti tas-sajd tagħhom;

(e) iwettqu l-verifiki ta' dawn iċ-ċertifikati tal-qabda sabiex jassistu lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri permezz tal-koperazzjoni amministrattiva msemmija fl-Artikolu 20(4);

(f) jikkomunikaw kampjuni tal-formoli tagħhom taċ-ċertifikat tal-qabda f'konformità mal-mudell fl-Anness II; u

(g) jaġġornaw dawn in-notifiki.

2. Skemi għad-dokumentazzjoni tal-qabda adottati minn organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd imsemmija fl-Artikolui 13.

Fejn skema għad-dokumentazzjoni tal-qabda adottata minn organizzazzjoni reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd tkun ġiet rikonoxxuta bħala skema ta' ċertifikazzjoni tal-qabda għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, notifiki ta' l-Istat tal-bandiera magħmula skond dawn l-iskemi għad-dokumentazzjoni tal-qabda jitqiesu li jkunu saru skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Anness u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness jitqiesu li japplikaw *mutatis mutandis*.

ANNESS IV

Dikjarazzjoni taħt l-Artikolu 14(2) tar-Regolament Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jistabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat

Jiena nikkonferma li l-prodotti tas-sajd ipproċessati: ... (deskrizzjoni tal-prodott u kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda) ... inkisbu minn qabdiet importati skond iċ-ċertifikat(i) tal-qabda li ġejjin:

Numru taċ-ċertifikat tal-qabda	Isem (Ismijiet) u bandiera (bnadar) tal-bastiment	Data(i) ta' validazzjoni	Deskrizzjoni tal-qabda	Piż totali żbarkat (kg)	Qabda pproċessata (kg)	Prodott tas-sajd ipproċessat (kg)

Isem u indirizz ta' l-impjant ta' ipproċessar

.....

.....

.....

Isem u indirizz ta' l-esportatur (jekk differenti mill-impjant ta' ipproċessar)

.....

.....

.....

Numru ta' approvazzjoni ta' l-impjant ta' ipproċessar

.....

Numru u data taċ-ċertifikat tas-saħħa

.....

Persuna responsabbli mill-impjant ta' pproċessar:	Firma:	Data:	Post:

Approvazzjoni mill-awtorità kompetenti:

.....

Uffiċjal:	Firma u siġill:	Data:	Post: